IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2020
COM(2020) 609 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

MT

MT

"Se nieħdu approċċ uman u umanitarju. Mhix xi għażla fakoltattiva li ssalva n-nies li jkunu qed jegħrqu. U dawk il-pajjiżi li jwettqu d-dmirijiet legali u morali tagħhom, jew dawk li huma l-aktar esposti minn oħrajn, hemm bżonn li jkunu jistgħu jserrħu fuq is-solidarjetà tal-Unjoni Ewropea tagħna kollha kemm hi… Kulħadd irid jimpenja ruħu hawnhekk u jerfa' responsabbiltà."

Il-President von der Leyen, Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2020

1. DAĦLA: PATT ĠDID DWAR IL-MIGRAZZJONI U L-AŻIL

Il-migrazzjoni ilha karatteristika kostanti tal-istorja tal-bniedem b'impatt profond fuq is-soċjetà Ewropea, u fuq l-ekonomija u l-kultura tagħha. Permezz ta' sistema ġestita tajjeb, il-migrazzjoni tista' tikkontribwixxi għat-tkabbir, l-innovazzjoni u d-dinamiżmu soċjali. L-isfidi soċjetali ewlenin li d-dinja qed tħabbat wiċċha magħhom illum – id-demografija, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà, il-kompetizzjoni dinjija għat-talent, u l-inugwaljanza – kollha jħallu impatt fuq il-migrazzjoni. Il-politiki fundamentali bħall-moviment liberu fiż-żona Schengen, il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, l-iżgurar tas-sigurtà, it-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet, kollha kemm huma jirrikjedu politika effettiva dwar il-migrazzjoni effettiva. Il-kompitu li l-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin jiffaċċjaw, filwaqt li iridu jibqgħu jiġu indirizzati l-ħtiġijiet urġenti, huwa li jibnu l-aħjar sistema li timmaniġġja u tinnormalizza l-migrazzjoni fit-tul u li tkun imsejsa bis-sħiħ fil-valuri Ewropej u fil-liġi internazzjonali.

Il-**Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** joffri bidu ġdid biex dan il-kompitu jiġi indirizzat. Il-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 ħarġet fil-beraħ nuqqasijiet maġġuri, kif ukoll il-kumplessità tal-ġestjoni ta' sitwazzjoni li tolqot lil Stati Membri differenti b'modi differenti. Din żvelat tħassib ġenwin, u kixfet differenzi li jeħtieġ li jingħarfu u jingħelbu. Fuq kollox, enfasizzat verità inerenti fundamentali tan-natura tal-UE: li **kull azzjoni jkollha implikazzjonijiet fuq oħrajn.** Filwaqt li uħud mill-Istati Membri għadhom iħabbtu wiċċhom mal-isfida tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, oħrajn iridu jlaħħqu ma' wasliet fuq skala kbira bl-art jew bil-baħar, jew ċentri ta' akkoljenza ffullati żżejjed, u oħrajn għadhom jiffaċċjaw għadd kbir ta' movimenti ta' migranti mhux awtorizzati. Huwa meħtieġ **qafas Ewropew** ġdid u dejjiemi għall-ġestjoni tal-interdipendenza bejn il-politiki u d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri u li jagħti rispons xieraq għall-opportunitajiet u l-isfidi fi żminijiet normali, f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni u f'sitwazzjonijiet ta' kriżi: qafas li jkun jista' jagħti ċ-ċertezza, iċ-ċarezza u l-kundizzjonijiet diċenti lill-irġiel, lin-nisa u lit-tfal li jaslu fl-UE, u li jkun jista' wkoll jippermetti lill-Ewropej jafdaw li l-migrazzjoni tkun qiegħda tiġi ġestita b'mod effettiv u uman, b'konformità sħiħa mal-valuri tagħna.

- Fl-2019, 20,9 miljun persuna li mhumiex ċittadini tal-UE kienu residenti legali fl-Istati Membri tal-UE, madwar 4,7 % tal-popolazzjoni totali tal-UE.
- Fl-2019, l-Istati Membri tal-UE ħarġu madwar 3,0 miljun **permess tal-ewwel residenza** lil persuni li mhumiex ċittadini tal-UE, fosthom madwar 1,8 miljun għal perjodu ta' mill-anqas 12-il xahar.
- Fl-2015, fl-agħar tal-kriżi tar-refuġjati ġew irreġistrati 1,82 miljun **qasma illegali tal-fruntiera** fil-fruntiera esterna tal-UE. Sal-2019 dan l-għadd kien naqas għal 142 000.
- L-għadd ta' **applikazzjonijiet għall-ażil** laħaq il-massimu ta' 1,28 miljun fl-2015, filwaqt li fl-2019 kien ta' 698 000.

- Bħala medja, kull sena jiġu rrifjutati madwar 370 000 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iżda huwa biss terz minn dawn il-persuni li **jintbagħtu lura** lejn pajjiżhom.
- Fi tmiem l-2019 l-UE ospitat madwar 2,6 miljun **refuġjat**, li huwa għadd ekwivalenti għal 0,6 % tal-popolazzjoni tal-UE.

Il-Patt il-Ġdid jagħraf li **l-ebda Stat Membru ma għandu jerfa' responsabbiltà sproporzjonata** u li l-Istati Membri kollha jenħtieġ li **jikkontribwixxu għas-solidarjetà** fuq bażi kostanti.

Dan jipprovdi approċċ komprensiv, li jlaqqa' l-politika fl-oqsma **tal-migrazzjoni, tal-ażil, tal-integrazzjoni u tal-ġestjoni tal-fruntieri**, u jagħraf li l-effettività ġenerali tiddependi fuq il-progress li jsir fuq il-fronti kollha. Joħloq **proċessi ta' migrazzjoni** aktar rapidi u stabbli u **governanza aktar b'saħħitha** tal-politiki dwar il-migrazzjoni u l-fruntieri, bl-appoġġ ta' sistemi tal-IT moderni u aġenziji aktar effettivi. L-għan tiegħu huwa li jnaqqas ir-rotot perikolużi u irregolari u li jippromwovi toroq legali sostenibbli u sikuri għal dawk li jkunu jeħtieġu l-protezzjoni. Jirrifletti r-realtà li l-parti l-kbira tal-migranti jidħlu fl-UE permezz ta' mezzi legali, li jenħtieġ li jiġu allinjati aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-UE. U se jrawwem il-fiduċja fil-politiki tal-UE billi jagħlaq il-**lakuna fl-implimentazzjoni** li teżisti.

Dan ir-rispons komuni jeħtieġ li jinkludi **r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi**, għaliex id-dimensjonijiet interni u esterni huma marbuta b'mod inseparabbli: il-ħidma id f'id mas-sħab tħalli impatt dirett fuq l-effettività tal-politiki ġewwa l-UE. Fost l-għanijiet siewja li l-UE u s-sħab tagħna jridu jwettqu permezz ta' sħubijiet komprensivi, ibbilanċjati u mfassla apposta hemm l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari, il-ġlieda kontra t-traffikar ta' migranti, l-għajnuna lir-refuġjati li jirrisjedu f'pajjiżi terzi u l-appoġġ għal migrazzjoni legali ġestita tajjeb.

Il-Kummissjoni fasslet il-Patt il-Ġdid fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet ta' livell għoli u tekniċi mal-Parlament Ewropew, mal-Istati Membri kollha, u ma' varjetà kbira ta' partijiet ikkonċernati mis-soċjetà ċivili, mis-sħab soċjali u min-negozji. Il-Patt il-Ġdid issawwar mit-tagħlimiet tad-dibattiti interistituzzjonali minn mindu l-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha tal-2016 għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Dan se jħares il-kompromessi li diġà saru fir-rigward tal-proposti eżistenti u jżid elementi ġodda li jiżguraw il-bilanċ meħtieġ f'qafas komuni, filwaqt li jlaqqa' l-aspetti kollha tal-politiki dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Se jnaqqas id-distakk bejn id-diversi realtajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri differenti u se jippromwovi l-fiduċja reċiproka billi jikseb ir-riżultati permezz ta' implimentazzjoni effettiva. Regoli komuni huma essenzjali, iżda mhumiex biżżejjed. L-interdipendenza tal-Istati Membri tfisser li huwa indispensabbli li tiġi żgurata implimentazzjoni sħiħa, trasparenti u konsistenti fil-prattika.

Il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil:

- ġestjoni soda u ekwa tal-fruntieri esterni, fosthom tal-identità, tas-saħħa u tal-kontrolli tas-saħħa u tas-sigurtà;
- regoli tal-ażil ġusti u effiċjenti, simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn;
- mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà għal sitwazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, pressjoni u kriżi;
- antiċipazzjoni b'saħħitha, tħejjija u rispons għall-kriżijiet;
- politika ta' ritorn effettiva u approċċ għar-ritorni li jkun ikkoordinat mal-UE;
- governanza komprensiva fil-livell tal-UE għal ġestjoni u implimentazzjoni aħjar tal-politiki dwar l-ażil u l-migrazzjoni;

- sħubijiet ta' benefiċċju għall-partijiet kollha mal-pajjiżi tal-oriġini u tat-tranżitu;
- l-iżviluppar ta' triq legali sostenibbli għal dawk li jeħtieġu l-protezzjoni u biex jiġi attirat it-talent lejn l-UE; kif ukoll
- l-għoti ta' appoġġ favur politiki ta' integrazzjoni effettivi.

2. QAFAS KOMUNI EWROPEW GĦALL-ĠESTJONI TAL-MIGRAZZJONI U L-AŻIL

Minn dakinhar tal-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016, l-isfidi ma għadhomx l-istess. Il-flussi mħallta ta' refuġjati u migranti fissru kumplessità akbar u ħtieġa intensifikata għal mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u ta' solidarjetà. L-UE u l-Istati Membri żieda l-kooperazzjoni ta' bejniethom fuq il-politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'mod sinifikanti. Ir-risponsi tal-Istati Membri għas-sitwazzjoni ta' bħalissa fiċ-ċentru ta' akkoljenza ta' Moria wrew il-kondiviżjoni tar-responsabbiltà u s-solidarjetà fis-seħħ. Il-pjan tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet nazzjonali fuq pilota konġunt għal ċentru ta' akkoljenza ġdid juri kif il-kooperazzjoni tista' taħdem bl-aktar modi operazzjonali. Il-Kummissjoni se toħloq task force flimkien mal-Istati Membri u l-Aġenziji tal-UE biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett pilota konġunt. Madankollu, ir-risponsi *ad hoc* ma jistgħux jagħtu tweġiba sostenibbli u għad fadal dgħufijiet strutturali maġġuri, kemm fid-disinn kif ukoll fl-implimentazzjoni. L-inkonsistenti bejn is-sistemi nazzjonali tal-ażil u tar-ritorn, kif ukoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni, kixfu ineffiċjenzi u qajmu tħassib dwar kemm huma ġusti. U fl-istess waqt, il-funzjonament xieraq tal-politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil ġewwa fl-UE jeħtieġ ukoll il-kooperazzjoni msaħħa dwar il-migrazzjoni ma' sħab 'il barra mill-UE.

Għaldaqstant, hemm il-bżonn ta' approċċ komprensiv li jagħraf ir-responsabbiltajiet kollettivi, li jindirizza l-aktar tħassib fundamentali li ntwera fin-negozjati sa mill-2016 – partikolarment b'rabta mas-solidarjetà – u jindirizza l-lakuna fl-implimentazzjoni. Dan l-approċċ jibni fuq il-progress li sar mill-2016, iżda jintroduċi wkoll qafas Ewropew komuni u governanza aħjar tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-ażil, kif ukoll mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà. Se jagħmel ukoll il-proċedura fil-fruntiera aktar konsistenti u aktar effiċjenti, kif ukoll jiżgura standard konsistenti tal-kundizzjonijiet tal-akkoljenza.

Żviluppi fuq il-progress li sar mill-2016

Il-proposti ta' qabel tal-Kummissjoni għar-riforma tas-**Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil** kellhom l-għan li joħolqu proċess ġust u rapidu li jiggarantixxi l-proċedura tal-ażil, kif ukoll trattament ugwali, ċarezza u ċertezza legali għal min japplika għall-ażil, u li jindirizzaw in-nuqqasijiet marbuta mar-ritorn. Dawn l-għanijiet għadhom jgħoddu u l-Patt il-Ġdid ipprova jħares kemm jista' jkun il-progress li sar u l-kompromessi li saru bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-Kummissjoni tappoġġa l-ftehimiet politiċi proviżorji li diġà saru dwar ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika u d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza. Il-proposta jenħtieġ li tiġi addottata malajr kemm jista' jkun. Ir-**Regolament dwar Standards għall-Kwalifika** jarmonizza aktar il-kriterji tal-għoti tal-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll jiċċara d-drittijiet u l-obbligi tal-benefiċjarji u jistabbilixxu meta jenħtieġ li tintemm il-protezzjoni, partikolarment jekk il-benefiċjarju jkun sar theddida għas-sigurtà pubblika jew ikun wettaq reat serju. Ir-riformulazzjoni tad-**Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza** twassal għal regoli aktar armonizzati u kundizzjonijiet tal-akkoljenza mtejba għall-applikanti għall-ażil, fosthom aċċess aktar bikri għas-suq tax-xogħol u aċċess aħjar għall-edukazzjoni għall-migranti tfal. Tagħmilha ċara wkoll li l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza jistgħu jingħataw biss fl-Istat Membru responsabbli, li jiddiżinċentiva l-movimenti mhux awtorizzati, u tiċċara r-regoli dwar id-detenzjoni. Ir-regolament li jistabbilixxi bis-sħiħ **Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil** huwa element essenzjali ieħor fil-bini ta' sistema koerenti u operazzjonali li l-adozzjoni rapida tagħha twassal għal benefiċċji minnufih. Il-proposta għal **Regolament Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja** tipprovdi

qafas tal-UE stabbli għall-kontribut tal-UE għall-isforzi dinjija tar-risistemazzjoni. Il-proposta tal-2018 tal-Kummissjoni li temenda d-**Direttiva dwar ir-Ritorn** ukoll għadha bi prijorità ewlenija, biex tagħlaq il-lakuni u tissimplifika l-proċeduri biex l-ażil u r-ritorn isiru parti minn sistema unika[1].

2.1 Proċeduri ġodda biex jiġi stabbilit l-i*status* minnufih mal-wasla

Il-fruntiera esterna hija l-post fejn l-UE jeħtiġilha tagħlaq il-lakuni bejn il-kontrolli fil-fruntiera esterna u l-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn. Dan il-proċess jenħtieġ li jkun wieħed validu, b'regoli ċari u ġusti fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tad-dħul u tal-aċċess għall-proċedura x-xierqa. Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi l-ħolqien ta' proċedura bla xkiel fil-fruntiera li tkun applikabbli għall-persuni kollha li mhumiex ċittadini tal-UE u li jaqsmu mingħajr awtorizzazzjoni, fosthom l-iskrinjar ta' qabel id-dħul, il-proċedura tal-ażil, u fejn applikabbli proċedura ta' ritorn rapidu – biex b'hekk proċessi li bħalissa huma separati jiġu integrati.

L-ewwel pass jenħtieġ li jkun **l-iskrinjar ta' qabel id-dħul**[2] applikabbli għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntiera esterna mingħajr awtorizzazzjoni. L-iskrinjar se jinkludi l-identifikazzjoni, verifiki fuq is-saħħa u s-sigurtà, it-teħid tal-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni fil-bażi tad-*data* tal-Eurodac. Dan se jkun l-ewwel pass fis-sistema tal-ażil u tar-ritorn kollha kemm hi, se jżid it-trasparenza għall-persuni kkonċernati fi stadju bikri u jrawwem fiduċja fis-sistema. Dan se jindokra kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet rilevanti kollha, bl-appoġġ tal-Aġenziji tal-UE. L-iskrinjar se jaċċellera l-proċess tad-determinazzjoni tal-i*status* ta' persuna u x'tip ta' proċedura tkun tapplika. Biex jiġi żgurat li jsiru l-istess kontrolli fil-konfront tal-wasliet irregolari kollha qabel id-dħul fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istati Membri se jkollhom ukoll jiskrinjaw jekk persuna tkunx evitat il-kontrolli fil-fruntiera iżda tkun ġiet identifikata aktar tard.

Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi emenda mmirata tal-proposta tagħha tal-2016 għal Regolament ġdid dwar il-Proċeduri tal-Ażil[3] li jippermetti użu aktar effettiv u anki flessibbli tal-proċeduri fil-fruntiera bħala stadju ieħor fil-proċess. Ir-regoli dwar **il-proċeduri fil-fruntiera** tal-ażil u r-ritorn jitlaqqgħu fi strument leġiżlattiv uniku. Il-proċeduri fil-fruntiera jippermettu t-trattament aktar rapidu ta' applikazzjoni, bħal raġunijiet ta' aċċelerazzjoni simili għall-kunċetti ta' pajjiż ta' oriġini sikur jew pajjiżi terzi sikuri. It-talbiet għall-ażil bi probabbiltà baxxa li jiġu aċċettati jenħtieġ li jiġu eżaminati malajr mingħajr il-bżonn ta' dħul legali fit-territorju ta' Stat Membru. Dan ikun japplika għat-talbiet ippreżentati minn applikanti li jkunu jridu jqarrqu bl-awtoritajiet, li joriġinaw minn pajjiżi b'rati baxxi ta' rikonoxximent li x'aktarx ma jkunux jeħtieġu protezzjoni, jew li jkunu ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali. Filwaqt li l-applikazzjonijiet għall-ażil li jsiru fil-fruntieri esterni tal-UE jkunu jridu jiġu vvalutati bħala parti mill-proċeduri tal-ażil tal-UE, dawn ma jkunux jikkostitwixxu dritt ta' dħul awtomatiku fl-UE. Il-proċedura normali tal-ażil tissokta tapplika għal talbiet oħrajn għall-ażil u ssir aktar effiċjenti, u ġġib aktar ċarezza fil-konfront tat-talbiet b'bażi soda. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-applikanti jiġu rilokati matul il-proċedura fil-fruntiera, biex b'hekk il-proċeduri jkunu jistgħu jissoktaw fi Stat Membru ieħor.

Proċedura ta' ritorn fil-fruntiera tkun tapplika minnufih għal dawk it-talbiet li jkunu ġew irrifjutati fil-proċedura tal-ażil fil-fruntiera. Din telimina r-riskji ta' movimenti mhux awtorizzati u tibgħat sinjal ċar lit-traffikanti. Tkun għodda partikolarment importanti fir-

[1] Ara t-Taqsima 2.5.

[2] Il-Proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni, COM(2020) 612 tat-23 ta' Settembru 2020.

[3] Il-proposta emendata għal Regolament li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/KE, COM(2020) 611 tat-23 ta' Settembru 2020.

rotot fejn ikun hemm proporzjon kbira ta' applikanti għall-ażil minn pajjiżi b'rata baxxa ta' rikonoxximent.

Il-garanziji meħtieġa kollha se jiddaħħlu fis-seħħ biex ikun żgurat li kull persuna ssirilha valutazzjoni individwali u li l-garanziji essenzjali jibqgħu sħaħ, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tan-*non-refoulement* u tad-drittijiet fundamentali. L-attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli tkun tinkludi eżenzjoni ġenerali mill-proċedura fil-fruntiera fejn ma jkunux jistgħu jiġu żgurati l-garanziji kollha. Sabiex jiġu żgurati l-aċċess effettiv għall-proċeduri tal-ażil u r-rispett tad-drittijiet fundamentali, l-Istati Membri, flimkien mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, se jdaħħlu fis-seħħ mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv fl-istadju bikri tal-iskrinjar, bħala salvagwardja oħra.

Il-proċeduri l-ġodda se jippermettu lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni jivvalutaw b'mod aktar effiċjenti dawk it-talbiet b'bażi soda, jieħdu deċiżjonijiet aktar malajr u għaldaqstant jikkontribwixxu għal funzjonament aħjar u aktar kredibbli tal-politiki dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Dan se jibbenefika kemm lill-Istati Membri, kif ukoll lill-UE kollha kemm hi: il-ħidma jenħtieġ li tingħata appoġġ mir-riżorsi u l-għarfien tal-aġenziji tal-UE kif ukoll fondi tal-UE.

Ir-Regolament dwar Proċeduri tal-Ażil jistabbilixxi wkoll proċess aċċessibbli, effettiv u f'waqtu tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fuq il-bażi ta' proċeduri aktar sempliċi, aktar ċari u iqsar, salvagwardji proċedurali xierqa għall-applikanti għall-ażil, u għodod li jipprevjenu l-evitar ta' restrizzjonijiet. In-negozjati li jinsabu għaddejjin jibbenefikaw b'mod partikolari minn livell ogħla ta' armonizzazzjoni tal-kunċetti tal-pajjiżi ta' oriġini sikur u tal-pajjiżi terzi sikuri permezz ta' listi tal-UE, li jidentifikaw pajjiżi bħal dawk fil-Punent tal-Balkani, u jkomplu jibnu fuq id-diskussjonijiet interistituzzjonali li saru qabel.

2.2 Qafas komuni għas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà

Fuq il-bażi tal-esperjenza tan-negozjati dwar il-proposti tal-2016 għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, jidher ċar li hemm il-bżonn ta' approċċ li jmur lil hinn mil-limitazzjonijiet tar-Regolament ta' Dublin attwali. Ir-regoli li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli mit-talba għall-ażil jenħtieġ li jkunu parti minn qafas komuni, u joffru għodda intelliġenti u aktar flessibbli li tgħin lill-Istati Membri jiffaċċjaw l-akbar sfidi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tirtira l-proposta tal-2016 li temenda r-Regolament ta' Dublin u tissostitwixxiha bi strument aktar wiesa' għal qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni – **ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni**[4]. Din ir-riforma hija urġenti u sa tmiem l-2020 jenħtieġ li jintlaħaq ftehim dwar il-prinċipji ewlenin tagħha.

Dan il-qafas komuni ġdid se jistabbilixxi l-prinċipji u l-istrutturi li huma meħtieġa għal approċċ integrat għall-politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil, li jiżgura kondiviżjoni ekwa tar-responsabbiltà u jindirizza l-wasliet imħallta ta' persuni li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u dawk li ma jkunux jeħtiġuha b'mod aktar effettiv. Il-qafas jinkludi **mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà** li jintegra l-ekwità fis-sistema tal-ażil tal-UE, li jirrifletti l-isfidi differenti maħluqa minn postijiet ġeografiċi differenti, u jiżgura li kulħadd jikontribwixxi s-solidarjetà sabiex il-ħtiġijiet reali li kkaġunati mill-wasliet tal-migranti u tal-applikanti għall-ażil ma jiġux trattati minn Stati Membri individwali waħedhom, iżda

4 Il-proposta għal Regolament dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, COM(2020) 610 tat-23 ta' Settembru 2020.

mill-UE kollha kemm hi. Is-solidarjetà timplika li l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jikkontribwixxu, kif ġie ċċarat mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja[5].

Il-mekkaniżmu l-ġdid ta' solidarjetà se jiffoka primarjament fuq ir-rilokazzjoni jew ir-ritorn sponsorizzat. Skont ir-ritorn sponsorizzat, l-Istati Membri jipprovdu l-appoġġ kollu meħtieġ lil dak l-Istat Membru taħt pressjoni biex il-persuni li ma jkollhomx dritt jibqgħu jiġu ritornati b'mod rapidu, u l-Istat Membru li jingħata l-appoġġ jieħu r-responsabbiltà sħiħa jekk ir-ritorn ma jseħħx fi żmien perjodu stipulat. L-Istati Membri jistgħu jiffokaw fuq iċ-ċittadinanzi fil-każi fejn ikollhom ċans aħjar li jagħmlu r-ritorni. Filwaqt li kull Stat Membru jkollu jikkontribwixxi għar-rilokazzjoni u/jew għar-ritorn sponsorizzat, u jiġi applikat kriterju tad-distribuzzjoni, l-Istati Membri se jkollhom il-flessibbiltà li jiddeċiedu jekk u sa fejn jikkondividu l-isforz tagħhom bejn dawk il-persuni li jkunu se jiġu riallokati u dawk li fil-konfront tagħhom ikun japplika r-ritorn sponsorizzat. Se jkun hemm ukoll il-possibbiltà jiġu kontribwiti permezz ta' suriet oħra ta' solidarjetà bħall-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali, l-għarfien tekniku u operazzjonali, kif ukoll appoġġ dwar l-aspetti esterni tal-migrazzjoni. Filwaqt li l-Istati Membri se jibqa' dejjem ikollhom alternattivi vijabbli għar-rilokazzjoni, xibka ta' sikurezza se tiżgura li l-pressjoni fuq Stat Membru wieħed tittaffa b'mod effettiv mir-rilokazzjoni u r-ritorn sponsorjat. Is-sitwazzjoni speċifika għat-tiftix u s-salvataġġ u tal-gruppi partikolarment vulnerabbli jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta, u l-Kummissjoni se tfassal ġabra ta' miżuri proġettati ta' solidarjetà, li tkun tikkonsisti l-aktar minn rilokazzjonijiet, li jiġu indikati kull sena mill-Istati Membri, fuq il-bażi fuq it-tbassir fuq żmien qasir tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iżbarki antiċipati fuq ir-rotot kollha kif ukoll il-gruppi vulnerabbli mistennija li jeħtieġu riallokazzjoni.

Ir-regoli ta' bħalissa dwar l-għoti minn Stat Membru għal ieħor tar-**responsabbiltà** għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jaġixxu ta' inċentiv għall-moviment mhux awtorizzat, partikolarment meta l-għoti tar-responsabbiltà jkun jirriżulta mill-imġiba ta' applikant (pereżempju meta applikant jaħrab). Għaldaqstant, jenħtieġ li s-sistema tissaħħaħ u jingħalqu l-lakuni. Filwaqt li se jibqgħu japplikaw il-kriterji ta' bħalissa li jiddeterminaw ta' min tkun ir-responsabbiltà, ir-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jiġu rfinuti biex is-sistema ssir aktar effiċjenti, tiskoraġġixxi l-abbużi u tipprevjeni l-movimenti mhux awtorizzati. Jenħtieġ li jkun hemm obbligi ċari għall-applikant, u konsegwenzi definiti jekk ma jirrispettawhomx. Pass addizzjonali ieħor se jinvolvi l-emendar tad-Direttivi dwar ir-Residenti fit-Tul biex il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jkollhom inċentiv li jibqgħu fl-Istat Membru li tkun tahom il-protezzjoni internazzjonali, bil-prospett ta' *status* ta' resident fit-tul wara tliet snin u residenza legali u kontinwa f'dak l-Istat Membru. Dan jgħinhom jintegraw fil-komunitajiet lokali.

2.3 Fiduċja reċiproka permezz ta' governanza soda u monitoraġġ tal-implimentazzjoni

Biex ikunu effettivi, il-politiki dwar il-ġestjoni tal-fruntieri, tal-ażil u tar-ritorn iridu jaħdmu sew fil-livell nazzjonali, u fil-livell lokali fil-każ tal-integrazzjoni tal-migranti. Għaldaqstant, il-politiki nazzjonali jridu jkunu koerenti mal-approċċ kumplessiv Ewropew. Ir-Regolament il-ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni se jipprova jikseb dan permezz ta' kooperazzjoni Ewropea aktar mill-qrib. Se ttejjeb l-ippjanar, it-tħejjija u l-monitoraġġ kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Proċess aktar strutturat joffri għajnuna tal-UE biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jassistu lil xulxin fil-bini ta' sistema reżiljenti, effettiva u

[5] Is-sentenza fil-Kawżi Magħquda C-715/17, C-718/17 u C-719/17 il-Kummissjoni vs il-Polonja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka.

flessibbli, bi **strateġiji nazzjonali** li jintegraw il-politiki dwar l-ażil u r-ritorn fil-livell nazzjonali. **Strateġija Ewropea** tiggwida u tgħin lill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tħejji wkoll rapport dwar it-tħejjija u l-kontinġenza, fuq il-bażi tar-rapporti annwali tal-Istati Membri. Dan se jwassal għal perspettiva għall-indirizzar tar-riskji u tal-opportunitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni li tħares 'il quddiem, biex jittejbu l-kapaċità u l-preparatezza tar-rispons.

Karatteristika importanti biex il-politiki nazzjonali u dawk tal-UE jiġu fdati hija l-konsistenza tal-implimentazzjoni, li tirrekjedi monitoraġġ u appoġġ operazzjonali msaħħa min-naħa tal-Aġenziji tal-UE. Din tinkludi monitoraġġ aktar sistematiku tar-regoli eżistenti u tar-regoli ġodda min-naħa tal-Kummissjoni, fosthom permezz ta' proċeduri ta' ksur.

Is-sistemi ta' kontroll tal-kwalità relatati mal-ġestjoni tal-migrazzjoni, bħall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), se jkollhom rwol essenzjali. Pass importanti ieħor se jkun il-monitoraġġ futur tas-sistemi tal-ażil fosthom fl-aħħar kompromess dwar il-proposta għal **Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil**. Il-mandat il-ġdid ikun iwieġeb għall-ħtieġa dejjem tikber tal-Istati Membri għal appoġġ operazzjonali u gwida dwar l-implimentazzjoni tar-regoli komuni tal-ażil, u jintroduċi livell akbar ta' konverġenza. Iżid il-fiduċja reċiproka permezz ta' monitoraġġ ġdid tas-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri u permezz tal-kapaċità li l-Kummissjoni tagħti rakkomandazzjonijiet b'miżuri ta' assistenza. Din il-leġiżlazzjoni jenħtieġ li tiġi adottata din is-sena biex l-appoġġ prattiku jsir disponibbli malajr, filwaqt li tirrikonoxxi li l-istrutturi ġodda, bħall-monitoraġġ, jistgħu jdumu ftit qabel ma jiddaħħlu fis-seħħ.

2.4 Appoġġ lit-tfal u lill-vulnerabbli

Is-sistema tal-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni tal-UE jenħtieġ li tipprevedi l-ħtiġijiet speċjali tal-gruppi vulnerabbli, fosthom permezz tar-risistemazzjoni. Il-Kummissjoni identifikat il-ħtiġijiet tat-tfal bħala prijorità, għaliex is-subien u l-bniet li jemigraw huma partikolarment vulnerabbli[6]. Din se titqies bis-sħiħ fl-inizjattivi aktar wiesa' li jippromwovu d-drittijiet u l-interessi tat-tfal, bħall-Istrateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod konformi kemm mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tar-refuġjati u tat-tfal u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[7].

Ir-riforma tar-regoli tal-UE dwar l-ażil u r-ritorn hija opportunità biex **insaħħu s-salvagwardji u l-istandards tal-protezzjoni** skont id-dritt tal-UE fil-konfront tat-tfal migranti. Ir-regoli l-ġodda se jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu l-ewwel kunsiderazzjoni fid-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu dwar it-tfal migranti u li d-dritt li t-tfal jingħataw widen jiġi rispettat. Ir-rappreżentanti għall-minorenni mhux akkumpanjati jenħtieġ li jintgħażlu aktar malajr u jingħataw biżżejjed riżorsi. In-Network Ewropew dwar it-Tutela[8] jenħtieġ li jissaħħaħ u li jkollu rwol aktar b'saħħtu fil-koordinazzjoni, fil-kooperazzjoni u fil-bini tal-kapaċità għall-kustodji. It-tfal mhux akkumpanjati u t-tfal taħt it-tnax-il sena, flimkien mal-familji tagħhom, jenħtieġ li jkunu eżentati mill-proċedura fil-

[6] Il-Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti, COM(2017) 211 tat-12 ta' April 2017, tirrakkomanda ġabra komprensiva ta' miżuri li jsaħħu l-protezzjoni tagħhom f'kull pass tal-proċess migratorju.

[7] Il-Garanzija tat-Tfal tal-UE se tqis ukoll il-ħtiġijiet speċjali tat-tfal migranti, kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni (ara t-Taqsima 8 aktar 'l isfel).

[8] In-Network tħabbar fil-Komunikazzjoni tal-2017 (ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 6). Din tlaqqa' l-awtoritajiet u l-aġenziji tat-tutela, l-awtoritajiet (lokali) u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi għall-promozzjoni ta' servizzi tat-tutela tajbin għat-tfal mhux akkumpanjati u dawk separati fl-UE.

fruntiera sakemm ma jkunux iqajmu tħassib relatat mas-sigurtà. Fil-proċeduri tal-ażil rilevanti l-oħra kollha, jenħtieġ li jingħataw garanziji proċedurali speċifiċi għat-tfal kif ukoll appoġġ addizzjonali. Is-sistema trid tkun immirata li tirrifletti l-ħtiġijiet partikolari tat-tfal f'kull stadju, tipprovdi alternattivi effettivi minflok id-detenzjoni, tippromwovi riunifikazzjoni rapida tal-familja, u tiżgura li l-leħen tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tat-tfal jinstemgħu. It-tfal jenħtieġ li jingħataw akkomodazzjoni u assistenza xierqa, fosthom assistenza legali, matul il-proċeduri tad-determinazzjoni tal-i*status* tagħhom. Fl-aħħar nett, dawn jenħtieġ li jkollhom aċċess fil-pront u mhux diskriminatorju għall-edukazzjoni u l-aċċess bikri għas-servizzi ta' integrazzjoni.

Ir-riskji tat-traffikar fir-rotot migratorji għadhom għoljin, prinċipalment ir-riskju li n-nisa u l-bniet isiru vittmi tat-traffikar għall-esplojtazzjoni sesswali jew għal suriet oħra ta' vjolenza fuq il-bażi tas-sess. In-networks tat-traffikar jabbużaw il-proċeduri tal-ażil, u jużaw iċ-ċentri ta' akkoljenza biex jidentifikaw lill-vittmi potenzjali tagħhom[9]. L-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi potenzjali mhux mill-UE se tkun tema speċifika tal-approċċ futur tal-Kummissjoni lejn l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, kif inhu stipulat fl-Istrateġija riċenti dwar l-Unjoni tas-Sigurtà[10].

2.5 Sistema effettiva u komuni tal-UE għar-ritorni

Ir-regoli tal-migrazzjoni tal-UE jistgħu jkunu biss kredibbli jekk dawk li ma jkollhomx id-dritt li jibqgħu fl-UE jiġu effettivament ritornati. Attwalment, huma biss madwar terz tan-nies ordnati jirritornaw mill-Istati Membri li jitilqu. Dan idgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema sħiħa tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u jaġixxi bħala inċentiv għall-migrazzjoni irregolari. Dan jesponi wkoll lil dawk li qegħdin f'pajjiż illegalment għal kundizzjonijiet prekarji u sfruttament minn networks kriminali. Illum l-effettività tar-ritorni tvarja minn Stat Membru għal ieħor, u tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq ir-regoli u l-kapaċitajiet nazzjonali, kif ukoll fuq ir-relazzjonijiet ma' terzi pajjiżi partikolari. Hija meħtieġa **sistema komuni tal-UE għar-ritorni** li tgħaqqad l-istrutturi aktar b'saħħithom fl-UE mal-kooperazzjoni aktar effettiva ma' terzi pajjiżi dwar ir-ritorn u r-riammissjoni. Jenħtieġ li tiġi żviluppata abbażi tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn u l-appoġġ operazzjonali effettiv inkluż permezz tal-Frontex. Dan l-approċċ jibbenefika mill-proċess propost skont ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni għall-identifikazzjoni ta' miżuri jekk meħtieġ biex tiġi inċentivata l-kooperazzjoni ma' terzi pajjiżi[11]. Jenħtieġ li s-sistema komuni tal-UE għar-ritorni tintegra l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn u sservi biex tappoġġa l-implimentazzjoni b'suċċess tagħha.

L-element kostitwenti ewlieni biex tinkiseb sistema effettiva ta' ritorn tal-UE hija l-proposta tal-2018 biex tiġi riformulata d-Direttiva dwar ir-Ritorn. Din twassal għal titjib fundamentali fil-ġestjoni tal-politika ta' ritorn. Din tgħin tipprevjeni u tnaqqas il-persuni milli jaħarbu u l-movimenti mhux awtorizzati, bi kriterju komuni biex jiġi vvalutat kull każ u l-possibbiltà li tintuża d-detenzjoni għal tħassib dwar l-ordni pubblika u s-sigurtà. Din tagħti spinta lill-programmi ta' ritorn volontarji assistiti, bħala l-aktar mod effiċjenti u sostenibbli biex jittejjeb ir-ritorn. Din itejjeb ukoll it-twettiq, b'għodod tal-IT imfassla apposta u b'obbligu ċar għal dawk fil-proċedura biex jikkooperaw, kif ukoll l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri. Huwa importanti li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilħqu qbil dwar dispożizzjonijiet dwar il-kriterji komuni ta' valutazzjoni u d-detenzjoni. Il-Kummissjoni hija lesta li taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra biex jintlaħaq ftehim rapidu dwar Direttiva riveduta li ġġib dan it-titjib: dan ikun megħjun ukoll billi jinġabru flimkien ir-regoli dwar il-proċeduri fil-

[9] Europol 2020, ir-4a' rapport taċ-Ċentru Ewropew dwar it-Traffikar ta' Migranti – 2019.
[10] L-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020) 605 tal-24 ta' Lulju 2020.
[11] Il-politika ta' ritorn jeħtieġ li tiġi integrata bis-sħiħ mal-politika ta' riammissjoni stabbilita fit-Taqsima 6.5.

fruntieri tal-ażil u ta' ritorn fir-Regolament il-ġdid dwar il-Proċeduri tal-Ażil, b'hekk jitneħħew il-lakuni eżistenti u jitnaqqsu aktar il-possibbiltajiet li tiġi evitata s-sistema tal-ażil.

L-isforzi nazzjonali ta' ritorn jeħtieġu wkoll **appoġġ operazzjonali**. Il-ħidma fuq ir-ritorn hija ta' spiss mxekkla minn riżorsi finanzjarji u umani skarsi fl-Istati Membri. Jenħtieġ li l-inkorporazzjoni tar-ritorn fi strateġiji nazzjonali skont il-qafas komuni tirriżulta f'ippjanar, riżorsi u infrastruttura aħjar għall-operazzjonijiet ta' ritorn u riammissjoni.

Frontex irid ikollha rwol ewlieni fis-sistema komuni tal-UE għar-ritorni, filwaqt li tagħmel ir-ritorni jaħdmu tajjeb fil-prattika. Jenħtieġ li tkun prijorità għall-Frontex li ssir fergħa operattiva tal-politika ta' ritorn tal-UE, bil-ħatra ta' Viċi Direttur Eżekuttiv iddedikat u bl-integrazzjoni ta' aktar għarfien espert dwar ir-ritorn fil-Bord ta' Tmexxija[12]. L-iskjerament tal-korp permanenti l-ġdid jgħin ukoll fir-ritorn. Frontex se tappoġġa wkoll l-introduzzjoni ta' sistema ta' ġestjoni ta' każijiet ta' ritorn fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, li tkopri l-passi kollha tal-proċedura mis-sejbien ta' soġġorn irregolari għar-riammissjoni u r-riintegrazzjoni f'terzi pajjiżi. B'dan il-mod l-Aġenzija tista' twettaq il-potenzjal sħiħ tagħha biex tappoġġa r-ritorn, billi tgħaqqad il-kooperazzjoni operazzjonali mal-Istati Membri u l-kooperazzjoni effettiva ta' riammissjoni ma' terzi pajjiżi.

Sistema effettiva li tiżgura r-ritorn hija responsabbiltà komuni u teħtieġ strutturi ta' governanza b'saħħithom biex jiġi żgurat approċċ aktar koerenti u effettiv. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se taħtar **Koordinatur tar-Ritorn**, appoġġat minn **Network ta' Livell Għoli ġdid għar-Ritorn**. Il-Koordinatur jipprovdi appoġġ tekniku biex jiġbor flimkien il-fergħat tal-politika ta' ritorn tal-UE, filwaqt li jibni fuq l-esperjenzi pożittivi tal-Istati Membri fil-ġestjoni tar-ritorni u l-iffaċilitar ta' implimentazzjoni bla xkiel u interkonnessa tal-proċess tar-ritorn. Se tingħata attenzjoni strateġika permezz ta' strateġija operazzjonali dwar ir-ritorni.

Ir-ritorn huwa aktar effettiv meta jitwettaq volontarjament u akkumpanjat minn miżuri ta' riintegrazzjoni b'saħħithom. Il-promozzjoni tar-ritorn volontarju hija objettiv strateġiku fundamentali, rifless fil-proposta tal-Kummissjoni tal-2018 dwar id-Direttiva dwar ir-Ritorn kif ukoll fl-Istrateġija li jmiss dwar ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni. Din l-istrateġija se tistabbilixxi approċċi ġodda għat-tfassil, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' ritorn volontarju assistit u riintegrazzjoni[13], filwaqt li tistabbilixxi objettivi komuni u tippromwovi l-koerenza kemm bejn l-inizjattivi tal-UE u dawk nazzjonali kif ukoll bejn l-iskemi nazzjonali. Din il-ħidma tista' tibbaża wkoll fuq il-mandat imsaħħaħ dwar ir-ritorn tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

2.6 Bażi tad-*data* komuni ġdida tal-ażil u migrazzjoni

Proċess ta' migrazzjoni u ażil bla xkiel jeħtieġ ġestjoni xierqa tal-informazzjoni meħtieġa. Għal dan il-għan, jenħtieġ li **Eurodac** tkun żviluppata aktar biex tappoġġa l-qafas komuni[14]. Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2016, li dwarha sar ftehim politiku proviżorju mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, diġà kabbret l-ambitu tal-Eurodac. Eurodac aġġornata tgħin biex jiġu traċċati movimenti mhux awtorizzati, tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari u jitjieb ir-ritorn. Id-*data* maħżuna tiġi estiża biex tindirizza il-ħtiġijiet speċifiċi, bis-

[12] Ir-Regolament EBCG jirrikjedi li wieħed mit-tliet viċi diretturi eżekuttivi jenħtieġ li jiġi assenjat rwol u responsabbiltajiet speċifiċi fis-sorveljanza tal-kompiti tal-Aġenzija fir-rigward tar-ritorni.

[13] Ara t-Taqsima 6.5.

[14] Proposta emendata għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac", COM(2020) 614 tat-23 ta' Settembru 2020.

salvagwardji meħtieġa: pereżempju, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill kienu diġà qablu li jestendu l-ambitu tagħha għal persuni risistemati.

Jenħtieġ li dawn il-bidliet issa jiġu kkomplementati biex jippermettu **bażi tad-*data* aġġornata** biex tgħodd l-applikanti individwali (aktar milli l-applikazzjonijiet), tgħin fl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar it-trasferiment tar-responsabbiltà fl-UE, tiffaċilita r-rilokazzjoni, u tiżgura monitoraġġ aħjar tal-persuni rimpatrijati. Is-sistema l-ġdida tgħin biex tinħoloq ir-rabta meħtieġa bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn u tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw l-applikanti għall-ażil li l-applikazzjoni tagħhom tkun diġà ġiet irrifjutata fi Stat Membru ieħor. Tista' wkoll issegwi l-appoġġ għat-tluq volontarju u r-riintegrazzjoni. Il-Eurodac il-ġdida tkun kompletament interoperabbli mal-bażijiet tad-*data* tal-ġestjoni tal-fruntieri, bħala parti minn sistema integrata u komprensiva tal-migrazzjoni u tal-ġestjoni tal-fruntieri.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni:

- Tipproponi Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, li jinkludi mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà;
- Tipproponi leġiżlazzjoni ġdida biex tiġi stabbilita proċedura ta' skrinjar fil-fruntiera esterna;
- Temenda l-proposta għal Regolament ġdid dwar il-Proċeduri tal-Ażil biex jinkludi proċedura ġdida fil-fruntieri u l-proċeduri tal-ażil issiru aktar effettivi;
- Temenda l-proposta tar-Regolament Eurodac biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tad-*data* tal-qafas il-ġdid għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-UE;
- Taħtar Koordinatur tar-Ritorn fil-Kummissjoni, appoġġat minn Network ta' Livell Għoli ġdid għar-Ritorni u strateġija operattiva ġdida; kif ukoll
- Tistabbilixxi Strateġija ġdida dwar ir-ritorni volontarji u r-riintegrazzjoni.

Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex):

- Tħaddem bis-sħiħ il-mandat imsaħħaħ dwar ir-ritorn u tipprovdi appoġġ sħiħ lill-Istati Membri fil-livell nazzjonali; kif ukoll
- Taħtar Viċi Direttur Eżekuttiv għar-Ritorn,

Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

- Jadottaw ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, kif ukoll ir-Regolament dwar l-Iskrinjar u r-Regolament rivedut dwar il-Proċeduri tal-Ażil, sa Ġunju 2021;
- Jagħtu prijorità immedjata lill-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil sa tmiem is-sena biex jippermettu appoġġ Ewropew effettiv fil-post;
- Jiżguraw l-adozzjoni tar-Regolament Eurodac rivedut din is-sena;
- Jiżguraw l-adozzjoni rapida tad-Direttiva riveduta dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u r-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika; kif ukoll
- Jiżguraw il-konklużjoni rapida tan-negozjati dwar id-Direttiva riveduta dwar ir-Ritorn.

3. SISTEMA ROBUSTA TA' TĦEJJIJA U RISPONS GĦALL-KRIŻI

L-għan tal-Patt il-Ġdid li jistabbilixxi politika komprensiva u robusta dwar il-migrazzjoni u l-ażil huwa l-aħjar protezzjoni kontra r-riskju ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi. Illum l-UE hija diġà mħejjija aħjar milli kienet fl-2015, u l-qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni se jpoġġi lill-UE f'bażi aktar b'saħħitha, filwaqt li jsaħħaħ l-istat ta' tħejjija u

jagħmel is-solidarjetà karatteristika permanenti. Madankollu, l-UE dejjem se jeħtieġ li tkun lesta għal dak li mhux mistenni.

L-UE trid tkun lesta li tindirizza **sitwazzjonijiet ta' kriżi u force majeure** b'reżiljenza u flessibbiltà, bl-għarfien li tipi differenti ta' kriżijiet jeħtieġu rispons differenti. L-effettività tar-rispons tista' tittejjeb permezz ta' tħejjija u previżjoni. Din teħtieġ approċċ ibbażat fuq l-evidenza, biex tiżdied l-antiċipazzjoni u tgħin fit-tħejjija tar-rispons tal-UE għal xejriet ewlenin[15]. Se tinħareġ **Blueprint ġdida dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji**[16] biex tgħin fil-bidla minn mod reattiv għal wieħed ibbażat fuq it-tħejjija u l-antiċipazzjoni. Din se tiġbor flimkien l-għodod kollha eżistenti tal-ġestjoni tal-kriżi u tistabbilixxi l-miżuri u l-protokolli istituzzjonali, operazzjonali u finanzjarji ewlenin li jridu jkunu fis-seħħ biex tiġi żgurata t-tħejjija kemm fil-livell tal-UE u kif ukoll f'dak nazzjonali.

Il-Blueprint tinvolvi antiċipazzjoni u monitoraġġ kontinwi tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri, u tipprovdi qafas għall-bini tar-reżiljenza u l-organizzazzjoni ta' rispons koordinat għal kriżi. B'talba ta' Stat Membru, jiġi skjerat appoġġ operazzjonali kemm mill-aġenziji tal-UE kif ukoll minn Stati Membri oħra. Dan jibni fuq l-approċċ hotspot u jibbaża fuq l-esperjenza reċenti tar-rispons għall-kriżi u l-protezzjoni ċivili. Din il-Blueprint tkun effettiva immedjatament, iżda taġixxi wkoll bħala appoġġ operazzjonali importanti għall-kapaċità tal-UE li tirrispondi skont l-arranġamenti futuri. Din se tistabbilixxi l-firxa ta' miżuri li jistgħu jintużaw biex jiġu indirizzati kriżijiet relatati ma' għadd kbir ta' wasliet irregolari. Madankollu, l-esperjenza turi li jeħtieġ ukoll li nżidu element ġdid mas-sett ta' għodod.

Strument leġiżlattiv ġdid jipprevedi **miżuri temporanji u straordinarji meħtieġa fid-dawl ta' kriżi**[17]. L-objettivi ta' dan l-istrument se jkunu tnejn: l-ewwel nett li tingħata flessibbiltà lill-Istati Membru biex jirreaġixxu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure u li jingħata status ta' protezzjoni immedjat f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, u t-tieni nett, li jiġi żgurat li s-sistema ta' solidarjetà stabbilita mir-Regolament il-ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni tkun adattata tajba għal kriżi kkaratterizzata minn għadd kbir ta' wasliet irregolari. Iċ-ċirkostanzi ta' kriżi jitolbu urġenza u għalhekk il-mekkaniżmu ta' solidarjetà jeħtieġ li jkun aktar b'saħħtu, u l-perjodi ta' żmien li jirregolaw dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jitnaqqsu[18]. Dan iwessa' wkoll l-ambitu tar-rilokazzjoni obbligatorja, pereżempju għal applikanti għal u benefiċjarji ta' protezzjoni immedjata, u l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn.

F'sitwazzjonijiet ta' kriżi li huma tant kbar li jirriskjaw li jegħlbu s-sistemi tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Istati Membri, id-diffikultajiet prattiċi li jaffaċċjaw l-Istati Membri jiġu rikonoxxuti permezz ta' marġni limitat biex jidderogaw temporanjament mill-proċeduri u l-iskedi ta' żmien normali, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' *non-refoulement*[19].

Il-protezzjoni, ekwivalenti għal protezzjoni sussidjarja, tista' wkoll tingħata immedjatament lil grupp ta' persuni definit minn qabel, b'mod partikolari lil persuni li jaffaċċjaw riskju

[15] Din il-ħidma se tkun appoġġata permezz taċ-Ċentru tal-Għarfien dwar il-Migrazzjoni u d-Demografija fiċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni.

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet b'rabta mal-Migrazzjoni (il-Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji), C(2020) 6469 tat-23 ta' Settembru 2020.

[17] Il-Proposta għal Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, COM(2020) 613 tat-23 ta' Settembru 2020.

[18] L-avvanzar tal-obbligu ta' rilokazzjoni ta' migrant irregolari lejn it-territorju tal-Istat Membru sponsor.

[19] Skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipju ta' *non-refoulement* jiggarantixxi li ħadd ma għandu jerġa' jirritorna għal pajjiż fejn jaffaċċja tortura, trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti u ħsara irreparabbli oħra.

eċċezzjonalment għoli ta' vjolenza indiskriminata minħabba kunflitt armat fil-pajjiż ta' oriġini. Minħabba l-iżvilupp tal-kunċetti u r-regoli ta' kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali, u fid-dawl tal-fatt li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tistabbilixxi regoli għall-għoti ta' status ta' protezzjoni immedjata f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja titħassar[20].

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni:

- Tipprepara Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji; kif ukoll
- Tipproponi leġiżlazzjoni biex tindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u force majeure u li tħassar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja.

Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

- Jagħtu prijorità l-ħidma tal-istrument il-ġdid għall-kriżi.

Jenħtieġ li l-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni:

- Jibdew l-implimentazzjoni tal-Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet Migratorji.

4. ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI

Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri hija strument ta' politika indispensabbli għall-UE biex tipproteġi l-fruntieri esterni tal-UE u tissalvagwardja l-integrità u l-funzjonament taż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Hija wkoll komponent essenzjali ta' politika komprensiva dwar il-migrazzjoni: fruntieri esterni tal-UE ġestiti tajjeb huma komponent essenzjali fil-ħidma flimkien fuq politiki integrati dwar l-ażil u r-ritorn.

4.1 Tisħiħ tal-effettività tal-fruntieri esterni tal-UE

Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE hija responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri kollha u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, u tal-UE u l-aġenziji tagħha. Dan ifisser ukoll li fejn ikun hemm nuqqasijiet, l-impatt ikun doppju, kemm sfida addizzjonali għall-Istat Membru inkwistjoni u konsegwenzi bħal movimenti mhux awtorizzati li jaffettwaw il-kredibbiltà tas-sistema kollha tal-UE. Il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-UE hija element fundamentali għal żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Il-**Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri** hija implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, magħmula mill-awtoritajiet tal-fruntieri u tal-gwardja tal-kosta tal-Istati Membri u l-Frontex. Hija mfassla biex tipprevjeni l-frammentazzjoni u tiżgura l-koerenza bejn il-politiki differenti tal-UE.

Il-Kummissjoni se tniedi l-proċess ta' tħejjija bil-ħsieb li tippreżenta d-dokument ta' politika għall-**politika strateġika pluriennali u ċiklu ta' implimentazzjoni** fl-ewwel nofs tal-2021. Dan iċ-ċiklu se jiżgura qafas unifikat biex jipprovdi linji gwida strateġiċi lill-atturi rilevanti kollha fil-livell Ewropew u nazzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u r-ritorn, permezz ta' strateġiji li jorbtu: strateġija teknika u operazzjonali tal-UE stabbilita mill-Frontex u strateġiji nazzjonali mill-Istati Membri. Dan se jippermetti li l-istrumenti u l-għodod legali,

[20] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri.

finanzjarji u operazzjonali rilevanti kollha jkunu koerenti, kemm fl-UE kif ukoll mas-sħab esterni tagħna. Dan se jkun diskuss mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

L-UE trid tkun kapaċi tappoġġa lill-Istati Membri fil-fruntiera esterna b'ħeffa, skala u flessibbiltà. L-implimentazzjoni rapida u sħiħa tar-Regolament il-ġdid dwar il-**Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta** hija pass kritiku 'l quddiem. Din isaħħaħ il-kooperazzjoni ta' kuljum u ttejjeb il-kapaċità ta' reazzjoni tal-UE. L-iżvilupp ta' kapaċitajiet komuni u ppjanar li jorbot f'oqsma bħat-taħriġ u l-akkwist se jfisser aktar konsistenza u aktar effettività. Il-valutazzjonijiet annwali tal-vulnerabbiltà tal-Frontex huma partikolarment importanti, huma jivvalutaw kemm l-Istati Membri huma lesti jaffaċċjaw theddid u sfidi fil-fruntieri esterni u jirrakkomandaw azzjoni ta' rimedju speċifika biex jittaffew il-vulnerabbiltajiet. Huma jikkomplementaw l-evalwazzjonijiet skont il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen, imwettqa b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà se jgħinu wkoll biex l-appoġġ operazzjonali tal-Aġenzija jiġi mmirat lejn l-Istati Membri bl-aħjar mod possibbli.

Ir-Regolament il-ġdid jistabbilixxi korp permanenti ta' persunal operazzjonali, li jlaqqa' flimkien persunal mill-Aġenzija kif ukoll mill-Istati Membri, u jeżerċita setgħat eżekuttivi: tisħiħ kbir tal-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal sitwazzjonijiet differenti fil-fruntieri esterni. **Korp permanenti b'kapaċità ta' 10 000 persunal** jibqa' essenzjali għall-kapaċità meħtieġa għall-reazzjoni rapida u suffiċjenti. L-ewwel skjerament tal-korp permanenti jenħtieġ li jkun lest sal-1 ta' Jannar 2021.

4.2 Nilħqu l-interoperabbiltà sħiħa tas-sistemi tal-IT

Fruntieri esterni b'saħħithom jirrikjedu wkoll **sistemi tal-IT aġġornati u interoperabbli** biex jinżamm kont tal-wasliet u tal-applikanti għall-ażil. Ladarba jkunu operazzjonali, is-sistemi differenti jistabbilixxu pjattaforma integrata tal-IT għall-ġestjoni tal-fruntieri li tivverifika u żżomm kont tad-dritt ta' soġġorn taċ-ċittadini kollha ta' terzi pajjiżi, kemm jekk mingħajr viża kif ukoll jekk huma detenturi tal-viża, li jaslu b'mod legali fit-territorju tal-UE u b'hekk tgħin il-ħidma biex jiġu identifikati każijiet ta' permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta[21].

L-interoperabbiltà se tgħaqqad is-sistemi Ewropej kollha għall-fruntieri, il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-ġustizzja u se tiżgura li dawn is-sistemi kollha "jikkomunikaw" flimkien, li l-ebda kontroll ma jinqabeż minħabba informazzjoni mhux konnessa, u li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom l-informazzjoni sħiħa, affidabbli u preċiża meħtieġa. Din tagħti spinta kbira lill-ġlieda kontra l-frodi tal-identità. Kull sistema żżomm is-salvagwardji stabbiliti tagħha. Huwa essenzjali li dawn is-sistemi ta' informazzjoni ġodda u aġġornati jkunu **operattivi u kompletament interoperabbli sa tmiem l-2023**, kif ukoll l-aġġornament tas-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen. Il-Kummissjoni se tippreżenta ukoll l-emendi meħtieġa fir-reviżjoni proposta tar-Regolament **Eurodac** biex tintegraha f'dan l-approċċ, sabiex l-Eurodoc ikollha wkoll rwol sħiħ fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati fl-UE. Il-fiduċja fiż-żona Schengen tkompli tissaħħaħ billi l-**proċedura tal-viża ssir kompletament diġitalizzata sal-2025**, b'viża diġitali u l-kapaċità li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet għall-viża online.

L-iskeda stretta għat-twettiq tal-arkitettura l-ġdida tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE tirrikjedi kemm monitoraġġ kif ukoll appoġġ għat-tħejjijiet fl-Istati Membri u l-Aġenziji. Il-

[21] Is-sistemi li jipparteċipaw fl-interoperabbiltà huma: Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, is-sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni tar-Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi, EURODAC u s-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen.

proċess ta' allert bikri għas-sistemi tal-IT tal-Kummissjoni jippermetti twissija bikrija u, jekk meħtieġ, azzjoni korrettiva rapida u mmirata. Dan jinforma lill-**Forum biannwali ta' Livell Għoli dwar l-Implimentazzjoni** tal-aqwa koordinaturi mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji.

4.3 Approċċ Ewropew komuni għat-tiftix u salvataġġ

Mill-2014, żdiedu t-tentattivi biex persuni jaslu fl-Ewropa f'dgħajjes mhux tajbin għat-tbaħħir, b'ħafna ħajjiet mitlufa fuq il-baħar. Dan wassal lill-UE, lill-Istati Membri u lill-atturi privati biex iżidu b'mod sinifikanti l-kapaċità ta' tiftix u salvataġġ marittimu fil-Mediterran. L-operazzjoni navali konġunta tal-UE EUNAVFOR MED Sophia u l-operazzjonijiet ikkoordinati minn Frontex — bħal Themis, Poseidon u Indalo — ikkontribwixxew għal aktar minn 600 000 salvataġġ mill-2015.

L-għajnuna lil dawk f'diffikultà fuq il-baħar hija dmir morali u obbligu skont id-dritt internazzjonali. Filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-implimentazzjoni tar-regoli rilevanti skont id-dritt internazzjonali, it-tiftix u s-salvataġġ huma wkoll element fundamentali tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, implimentati bħala responsabbiltà kondiviża bejn il-Frontex[22] u l-awtoritajiet nazzjonali, u dan jagħmel essenzjali t-tisħiħ tal-aċċess tal-Frontex għall-kapaċità navali u tal-ajru.

It-tentattivi perikolużi biex il-persuni jaqsmu l-Mediterran ikomplu jkunu ta' riskju kbir u jżidu n-networks kriminali. L-iżbark tal-migranti għandu impatt sinifikanti fuq l-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri kostali. L-iżvilupp ta' approċċ tal-UE aktar koordinat għall-prattika ta' tiftix u salvataġġ li qed tevolvi, ibbażat fuq is-solidarjetà, huwa kruċjali. Jenħtieġ li l-elementi ewlenin jinkludu:

- Ir-rikonoxximent tal-**ispeċifiċitajiet ta' tiftix u salvataġġ fil-qafas legali tal-UE għall-migrazzjoni u l-ażil**. Minn Jannar 2019, b'talba tal-Istati Membri, il-Kummissjoni kkoordinat ir-rilokazzjoni ta' aktar minn 1 800 persuna żbarkata wara operazzjonijiet ta' salvataġġ minn dgħajjes privati. Filwaqt li l-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ operazzjonali u koordinazzjoni proattiva, mekkaniżmu ta' solidarjetà aktar prevedibbli huwa meħtieġ. Ir-Regolament il-ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni se jipprovdi għall-għajnuna permezz tar-rilokazzjoni wara l-iżbarki wara l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ. Dan għandu jgħin biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ u biex tiġi evitata l-ħtieġa għal soluzzjonijiet *ad hoc*.
- **Jenħtieġ li Frontex tipprovdi aktar appoġġ operazzjonali u tekniku** fil-kompetenza tal-UE, kif ukoll l-iskjerament ta' assi marittimi lill-Istati Membri, biex ittejjeb il-kapaċitajiet tagħhom u b'hekk tikkontribwixxi biex jiġu salvati l-ħajjiet fuq il-baħar.
- **Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri** jeħtieġ li jiżdiedu b'mod sinifikanti, partikolarment fid-dawl tal-attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ li żviluppaw matul l-aħħar snin bl-involviment regolari tal-atturi privati. Il-Kummissjoni qed toħroġ Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-kuntest ta' operazzjonijiet imwettqa minn dgħajjes li huma proprjetà ta' jew operati minn entitajiet privati għall-fini li jwettqu attivitajiet regolari ta' salvataġġ, bil-ħsieb li tinżamm is-sikurezza tan-navigazzjoni u tiġi żgurata ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni[23]. Jenħtieġ li

[22] Ir-Regolament (UE) 656/2014 jistabbilixxi sett speċifiku ta' regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Frontex, li jkopri inċidenti ta' tiftix u salvataġġ li jirriżultaw matul operazzjonijiet konġunti tal-Frontex.

[23] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa minn dgħajjes li huma proprjetà ta' jew operati minn entitajiet privati għall-fini ta' attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ, C(2020) 6468 tat-23 ta' Settembru 2020.

din il-kooperazzjoni tiġi indirizzata permezz ta' grupp ta' esperti dwar it-tiftix u s-salvataġġ stabbilit mill-Kummissjoni biex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki.

- Il-Kummissjoni qed tipprovdi wkoll Gwida dwar l-implimentazzjoni effettiva tar-**regoli tal-UE dwar id-definizzjoni u l-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati**[24], u kif tevita l-kriminalizzazzjoni tal-atturi umanitarji[25].
- L-**UE se ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu** biex tipprevjeni vjaġġi perikolużi u qsim irregolari, inkluż permezz ta' Sħubijiet Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Immigrazzjoni Illegali mfassla apposta ma' terzi pajjiżi[26].

4.4 Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb

Iż-żona Schengen hija waħda mill-akbar kisbiet tal-integrazzjoni Ewropea. Iżda tpoġġiet taħt pressjoni minħabba diffikultajiet fir-rispons għal sitwazzjonijiet li qed jinbidlu fil-fruntiera tal-Unjoni, minn diskrepanzi u lakuni, u minn sistemi nazzjonali diverġenti tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn. Dawn l-elementi jżidu l-movimenti mhux awtorizzati, kemm tal-applikanti għall-ażil kif ukoll tal-migranti li jenħtieġ li jiġu rritornati. Il-miżuri li diġà ntlaħaq qbil dwarhom u li issa jeħtieġ li jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jgħinu biex ikun hemm aktar konsistenza fl-istandards tas-sistemi tal-ażil u l-migrazzjoni. Passi ulterjuri skont il-Patt il-Ġdid, dwar proċeduri tal-iskrinjar u l-fruntieri, dwar fruntieri esterni rinfurzati, dwar proċeduri tal-ażil u tar-ritorn aktar konsistenti skont l-approċċ integrat aktar tal-qafas komuni, jammontaw ukoll għal tisħiħ kbir ta' Schengen.

It-tħassib dwar in-nuqqasijiet eżistenti kkontribwixxa għall-attivazzjoni ta' **kontrolli temporanji fil-fruntieri interni**. Aktar ma jkomplu dawn il-kontrolli, aktar jitqajmu mistoqsijiet dwar in-natura temporanja u l-proporzjonalità tagħhom. Il-kontrolli temporanji jistgħu jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali biex jipprovdu rispons għal sitwazzjonijiet li jaffettwaw b'mod serju l-ordni pubblika jew is-sigurtà interna. Bħala miżura tal-aħħar istanza, jenħtieġ li dawn idumu biss sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi straordinarji: pereżempju, fiċ-ċirkostanzi ta' emerġenza reċenti tal-pandemija tal-COVID-19, ġew introdotti miżuri ta' kontroll fil-fruntieri interni iżda l-biċċa l-kbira minnhom issa tneħħew.

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza mill-kriżijiet multipli ta' dawn l-aħħar ħames snin, il-Kummissjoni se tippreżenta **Strateġija dwar il-futur ta' Schengen**, li se tinkludi inizjattivi għal Schengen aktar b'saħħtu u aktar komplut. Din se tinkludi triq ġdida għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, bil-konklużjonijiet li se jittieħdu dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2017. Hija se tkopri wkoll kif jista' jittejjeb il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen biex isir għodda kompletament effettiva għall-evalwazzjoni tal-funzjonament ta' Schengen u biex jiġi żgurat li t-titjib jiġi implimentat b'mod effettiv. **Mekkaniżmu** effiċjenti ta' **evalwazzjoni ta' Schengen** huwa għodda essenzjali għal żona Schengen effettiva, li tibni l-fiduċja billi tivverifika kif l-Istati Membri jimplimentaw ir-regoli ta' Schengen. Huwa importanti li l-Istati Membri jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjonijiet. Meta l-Istati Membri jonqsu b'mod persistenti milli dan jagħmluh, jew meta l-kontrolli fil-fruntieri interni jinżammu lil hinn minn dak li huwa meħtieġ, il-Kummissjoni se tikkunsidra b'mod aktar sistematiku t-tnedija ta' proċeduri ta' ksur.

---

24 Gwida tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE dwar id-definizzjoni u l-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati, C(2020) 6470 tat-23 ta' Settembru 2020.

25 Ara t-Taqsima 5.

26 Ara t-Taqsima 5.

Hemm alternattivi wkoll għall-kontrolli fil-fruntieri interni – pereżempju, il-kontrolli tal-pulizija jistgħu jkunu effettivi ħafna, u t-teknoloġiji ġodda u l-użu intelliġenti tal-interoperabbiltà tal-IT jistgħu jgħinu biex il-kontrolli jsiru inqas intrużivi. Bħalissa, il-ftehimiet ta' riammissjoni jibqgħu wkoll bejn l-Istati Membri li jistgħu wkoll jiġu implimentati b'mod aktar effettiv.

Filwaqt li tibni fuq il-ħidma diġà fis-seħħ biex tippromwovi dawn il-miżuri[27], il-Kummissjoni se tistabbilixxi **programm ta' appoġġ u kooperazzjoni** biex tgħin lill-Istati Membri jimmassimizzaw il-potenzjal ta' dawn il-miżuri. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Forum ta' Schengen** iddedikat, li jinvolvi l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti bħall-Ministeri għall-Intern u l-pulizija (tal-fruntieri) fil-livell nazzjonali u reġjonali sabiex tistimula iktar kooperazzjoni konkreta u iktar fiduċja. Jenħtieġ li darba fis-sena, tiġi organizzata diskussjoni fil-Forum fil-livell politiku biex il-Ministri nazzjonali, il-Membri tal-Parlament Ewropew u partijiet interessati oħrajn ikunu jistgħu jagħtu spinta politika lil dan il-proċess.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni:

- Tadotta Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-attivitajiet ta' salvataġġ tal-entitajiet privati;
- Tippreżenta gwida lill-Istati Membri biex jiċċaraw li s-salvataġġi fuq il-baħar ma jistgħux jiġu kriminalizzati;
- Tadotta Strateġija dwar il-futur ta' Schengen li ssaħħaħ il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen;
- Tistabbilixxi Forum ta' Schengen biex trawwem kooperazzjoni konkreta u l-modi biex tapprofondixxi lil Schengen permezz ta' programm ta' appoġġ u kooperazzjoni biex tgħin biex jintemmu l-kontrolli fil-fruntieri interni; u
- Tniedi grupp Ewropew ġdid ta' esperti dwar it-tiftix u s-salvataġġ.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Frontex:

- Jiżguraw l-implimentazzjoni rapida u sħiħa tar-Regolament il-ġdid dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta; u
- Jiżguraw l-implimentazzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi kollha tal-IT fuq skala kbira sal-2023.

5. IT-TISĦIĦ TAL-ĠLIEDA KONTRA L-FAĊILITAZZJONI TAL-IMMIGRAZZJONI ILLEGALI

Il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali tinvolvi l-isfruttament organizzat tal-migranti, li turi rispett fqir għall-ħajja tal-bniedem bl-iskop tal-qligħ. Din l-attività kriminali għalhekk tagħmel ħsara kemm lill-objettivi umanitarji kif ukoll lill-objettivi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE. Il-**Pjan ta' Azzjoni** l-ġdid **tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti għall-2021-2025** se jiffoka fuq il-ġlieda kontra n-networks kriminali, u f'konformità mal-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE, se jagħti spinta lill-kooperazzjoni u jappoġġa l-ħidma tal-infurzar tal-liġi biex tiġi indirizzata l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, li spiss tkun marbuta wkoll mat-traffikar tal-bnedmin. Il-Pjan ta' Azzjoni se jibni fuq il-ħidma tal-Europol u taċ-Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, tal-Frontex, tal-Eurojust u tal-Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi. Miżuri ġodda u kooperazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji se jindirizzaw sfidi fl-oqsma tal-investigazzjonijiet

[27] C(2017) 3349 final tat-12 ta' Mejju 2017 u C(2017) 6560 final tas-27 ta' Settembru 2017.

finanzjarji, l-irkupru tal-assi u l-frodi tad-dokumenti, u fenomeni ġodda bħall-kuntrabandu diġitali[28].

Ir-regoli eżistenti biex titrażżan il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali[29] wrew li huma qafas legali effettiv biex jiġu miġġielda dawk li jiffaċilitaw id-dħul, it-tranżitu u r-residenza mhux awtorizzati. Bħalissa għaddejja riflessjoni dwar kif jistgħu jiġu mmodernizzati dawn ir-regoli[30]. Il-Kummissjoni se tiċċara l-kwistjoni tal-kriminalizzazzjoni għall-atturi privati permezz ta' **gwida dwar l-implimentazzjoni** tar-regoli kontra l-kuntrabandu, u tagħmilha ċara li t-twettiq tal-obbligu legali biex jiġu salvati n-nies f'diffikultà fuq il-baħar ma jistax jiġi kriminalizzat.

Is-sejbien ta' impjieg fl-UE mingħajr l-i*status* legali meħtieġ huwa wieħed mill-motivaturi għall-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn l-UE. Il-Kummissjoni se tivvaluta kif issaħħaħ l-effettività tad-**Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem** u tevalwa l-ħtieġa għal aktar azzjoni. Il-Kummissjoni se taħdem ukoll mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol biex tikkoordina l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali u tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tad-Direttiva, li hija indispensabbli biex tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari billi tiżgura projbizzjoni effettiva tal-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'permanenza irregolari.

Il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali hija sfida komuni li teħtieġ kooperazzjoni u koordinazzjoni internazzjonali kif ukoll ġestjoni effettiva tal-fruntieri. Il-Konferenza Ministerjali ta' Lulju 2020 bejn l-UE u s-sħab Afrikani kkonfermat id-determinazzjoni reċiproka biex tiġi indirizzata din il-problema[31]. Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE kontra t-traffikar tal-migranti se jistimula l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi terzi, permezz ta' sħubijiet immirati **kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali**, bħala parti minn sħubijiet usa' ma' pajjiżi terzi ewlenin. Dan se jinkludi appoġġ lill-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu fil-bini tal-kapaċità kemm f'termini ta' oqfsa ta' infurzar tal-liġi kif ukoll ta' kapaċità operattiva, filwaqt li titħeġġeġ azzjoni effettiva mill-awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjarji. L-UE se ttejjeb ukoll l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-azzjoni fil-post, permezz ta' appoġġ għal operazzjonijiet komuni u skwadri ta' investigazzjoni konġunta, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni dwar ir-riskji tal-migrazzjoni irregolari u dwar alternattivi legali. Jenħtieġ li l-aġenziji tal-UE jaħdmu wkoll b'mod aktar intensiv mal-pajjiżi sħab. L-Europol se ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent u l-Kummissjoni u l-Europol se jaħdmu għal ftehimiet simili mat-Turkija u oħrajn fil-viċinat. Dan, il-Kummissjoni se tinkludih ukoll fil-kooperazzjoni tagħha mal-Unjoni Afrikana (UA).

L-operazzjonijiet u l-missjonijiet **tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni** se jkomplu jagħtu kontribut importanti, meta l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari jew il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali tkun parti mill-mandati tagħhom. Filwaqt li tikkomplementa l-missjonijiet eżistenti, bħall-EUCAP Sahel Niger u l-EUBAM Libya, l-Operazzjoni EUNAVFOR MED IRINI issa tinsab għaddejja fil-Mediterran Ċentrali u tgħin biex jiġu sfrattati n-networks tal-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali.

L-**Uffiċjali għall-Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni** jipprovdu konnessjoni siewja fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali. L-

[28] L-użu, b'mod partikolari minn gruppi kriminali organizzati, ta' teknoloġija moderna tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni biex jiġi ffaċilitat it-traffikar tal-migranti, inkluż ir-reklamar, l-organizzazzjoni, il-ġbir ta' pagamenti, eċċ.

[29] Il-"Pakkett tal-Faċilitaturi" tad-Direttiva 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas Akkumpanjanti tal-Kunsill dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u residenza mhux awtorizzati.

[30] Id-Direttiva 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/JHA.

[31] Il-Konferenza Ministerjali saret fit-13 ta' Lulju 2020 u laqqgħet flimkien il-Ministri tal-Intern tal-Alġerija, il-Libja, il-Mawritanja, il-Marokk u t-Tuneżija mal-kontropartijiet tagħhom mill-Italja (president), Franza, il-Ġermanja (li pparteċipat bħala l-Presidenza tal-Kunsill), Malta u Spanja, kif ukoll il-Kummissjoni.

implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament dwar in-network Ewropew bejn l-uffiċjali ta' komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni[32] se tkompli tikkonsolida dan in-network u ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali.

Azzjonijiet ewlenin
Il-Kummissjoni: • Tippreżenta Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE kontra t-Traffikar tal-Migranti għall-2021-2025; • Tivvaluta kif tista' tissaħħaħ l-effikaċja tad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem; u • Tibni azzjoni kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali fi sħubijiet ma' pajjiżi terzi.

6. NAĦDMU MAS-SĦAB INTERNAZZJONALI TAGĦNA

Il-maġġoranza tal-migranti jwettqu l-vjaġġi tagħhom b'mod regolari u sikur, u l-migrazzjoni ġestita tajjeb, ibbażata fuq is-sħubija u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, jista' jkollha impatti pożittivi għall-pajjiżi tal-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni. Fl-2019, kien hemm aktar minn 272 miljun migrant internazzjonali[33], bil-biċċa l-kbira tal-migrazzjoni sseħħ bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ix-xejriet demografiċi u ekonomiċi, l-instabbiltà politika u l-kunflitt, kif ukoll it-tibdil fil-klima, kollha jissuġġerixxu li l-migrazzjoni se tibqa' fenomenu ewlieni u sfida globali għas-snin li ġejjin. Politiki dwar il-migrazzjoni li jaħdmu sew huma fl-interess tal-pajjiżi sħab, l-UE, u r-refuġjati u l-migranti stess.

Il-prerekwiżit fl-indirizzar ta' dan huwa l-kooperazzjoni mas-sħab tagħna, li l-ewwel u qabel kollox hija bbażata fuq impenn bilaterali, flimkien ma' impenn reġjonali u multilaterali. **Il-migrazzjoni hija ċentrali għar-relazzjonijiet kumplessiva tal-UE ma' pajjiżi sħab ewlenin ta' oriġini u ta' tranżitu.** Kemm l-UE kif ukoll is-sħab tagħha għandhom l-interessi u l-għodod tagħhom biex jagixxu. Sħubijiet komprensivi, ibbilanċjati u mfassla apposta, jistgħu jwasslu għal benefiċċji reċiproċi, fl-ekonomija, fl-iżvilupp sostenibbli, fl-edukazzjoni u l-ħiliet, fl-istabbiltà u s-sigurtà, u fir-relazzjonijiet mad-dijaspori. Il-ħidma mas-sħab tgħin ukoll lill-UE tissodisfa l-obbligi tagħha biex tipprovdi protezzjoni lil dawk fil-bżonn, u biex taqdi r-rwol tagħha bħala l-akbar donatur tal-iżvilupp fid-dinja. Skont il-Patt il-Ġdid, l-involviment mal-pajjiżi sħab se jiżdied fl-oqsma kollha ta' kooperazzjoni. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jibdew jaħdmu immedjatament, flimkien mal-Istati Membri, biex dan l-approċċ jitqiegħed fil-prattika permezz ta' djalogu u kooperazzjoni mas-sħab tagħna.

6.1 Nimmassimizzaw l-impatt tas-sħab internazzjonali tagħna

L-UE teħtieġ ħarsa ġdida lejn il-prijoritajiet tagħha, l-ewwel f'termini tal-post tal-migrazzjoni fir-relazzjonijiet esterni u l-politiki l-oħrajn tagħha, u mbagħad f'termini ta' dan xi jfisser għar-relazzjonijiet kumplessivi tagħna ma' sħab speċifiċi. Fi sħubijiet komprensivi, **jenħtieġ li l-migrazzjoni tinbena bħala kwistjoni ewlenija, ibbażata fuq valutazzjoni tal-interessi tal-UE u tal-pajjiżi sħab**. Importanti li jiġu indirizzati l-isfidi kumplessi tal-migrazzjoni u l-għerq tagħhom għall-benefiċċju tal-UE u ċ-ċittadini tagħha, tal-pajjiżi sħab, tal-migranti u tar-refuġjati nfushom. Billi jaħdmu flimkien, l-UE u s-sħab tagħha jistgħu

[32] Ir-Regolament 2019/1240.
[33] World Migration Report 2020, International Organisation for Migration, 2019, p.2.

jtejbu l-governanza tal-migrazzjoni, japprofondixxu l-isforzi komuni biex jindirizzaw sfidi komuni u jibbenefikaw minn opportunitajiet.

L-approċċ jeħtieġ li juża firxa wiesgħa ta' għodod politiċi, u jkollu l-flessibbiltà li jkun imfassal apposta u kapaċi jaġġusta ruħu maż-żmien. Jenħtieġ li politiki differenti bħall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, is-sigurtà, il-viża, il-kummerċ, l-agrikoltura, l-investiment u l-impjiegi, l-enerġija, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, u l-edukazzjoni, ma jiġux indirizzati b'mod iżolat. Dawn jiġu ttrattati l-aħjar bħala parti minn approċċ imfassal apposta, fil-qalba ta' **sħubija ta' benefiċċju reċiproku** reali. Importanti wkoll li wieħed iżomm f'moħħu li kwistjonijiet ta' migrazzjoni bħall-ġestjoni tal-fruntieri jew implimentazzjoni aktar effettiva tar-ritorn u r-riammissjoni jistgħu jkunu politikament sensittivi għas-sħab. L-indirizzar tal-kwistjonijiet li qed naraw illum – l-ewwel u qabel kollox it-telf tal-ħajja, imma wkoll in-nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-migrazzjoni – ifisser li naħdmu flimkien sabiex kulħadd jassumi r-responsabbiltajiet tiegħu.

L-impenn fil-livell tal-UE waħdu mhuwiex biżżejjed: koordinazzjoni effettiva bejn **il-livell tal-UE u l-Istati Membri** hija essenzjali fil-livelli kollha: bilaterali, reġjonali u multilaterali. Il-messaġġi konsistenti bejn l-UE u l-Istati Membri dwar il-migrazzjoni u s-sensibilizzazzjoni konġunta mas-sħab intwera li huma ta' importanza kritika biex jidher l-impenn komuni tal-UE. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-UE tislet mill-esperjenza u r-relazzjonijiet privileġġati ta' xi Stati Membri ma' sħab ewlenin – l-esperjenza wriet li l-involviment sħiħ tal-Istati Membri fis-sħubijiet tal-migrazzjoni tal-UE, inkluż permezz tal-ġbir flimkien ta' fondi u għarfien espert permezz tad-diversi Fondi Fiduċjarji tal-UE, huwa kruċjali għas-suċċess.

L-UE għandha kredibbiltà u saħħa permezz tar-rwol tagħha fil-kuntest **internazzjonali u multilaterali**, inkluż permezz tal-involviment attiv tagħha fin-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji tagħha. Jenħtieġ li l-UE tibni fuq il-progress importanti li sar fil-livell **reġjonali**, permezz ta' djalogi u oqfsa ddedikati[34] u permezz ta' sħubijiet ma' organizzazzjonijiet bħall-Unjoni Afrikana. Aktar sħubijiet innovattivi jistgħu jibnu fuq l-eżempju pożittiv tat-Taskforce UA-UE-NU dwar il-Libja. Il-kuntest speċifiku tal-qafas ta' wara Cotonou ma' Stati fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku huwa ta' importanza partikolari fit-tfassil u l-operazzjonalizzazzjoni effettiva tal-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni.

Id-djalogu ġie approfondit ma' firxa ta' sħab ewlenin f'dawn l-aħħar snin[35]. Il-**ġirien** tal-UE huma prijorità partikolari. L-opportunità ekonomika, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, spiss tkun l-aħjar mod biex titnaqqas il-pressjoni għall-migrazzjoni irregolari. Il-ħidma li għaddejja bħalissa biex tiġi indirizzata l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali hija eżempju wieħed tal-importanza kritika tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-**Afrika ta' Fuq**. Il-**Balkani tal-Punent** jeħtieġu approċċ imfassal apposta, kemm minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom kif ukoll minħabba l-futur tagħhom bħala parti integrali mill-UE: il-koordinazzjoni tista' tgħin biex jiġi żgurat li jkunu mgħammra tajjeb bħala Stati Membri futuri biex jirreaġixxu b'mod kostruttiv għall-isfidi komuni, jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-proċeduri tal-fruntieri tagħhom biex iqarrbuhom lejn l-UE fid-dawl tal-perspettiva ta' tkabbir tagħhom. Id-dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016 irriflettiet impenn u djalogu aktar profond mat-**Turkija**, inkluż għajnuna għall-isforzi tagħha biex tospita madwar 4 miljun refuġjat[36]. Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija tibqa' t-tweġiba għall-ħtiġijiet essenzjali ta'

34 Inkluż il-proċess tal-Belt Valletta bejn l-UE u l-pajjiżi Afrikani. Proċessi reġjonali ewlenin oħrajn jinkludu l-proċessi ta' Budapest, Praga, Rabat u Khartoum.

35 Rapport ta' progress dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM(2019) 481, is-16 ta' Ottubru 2019.

36 Il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija mmobilizzat EUR 6 biljun.

miljuni ta' refuġjati, u l-finanzjament kontinwu u sostnut tal-UE fi kwalunkwe forma se jkun essenzjali[37].

Il-migrazzjoni hija parti integrali tal-approċċ skont il-Komunikazzjoni Konġunta lejn **Strateġija Komprensiva mal-Afrika** biex tapprofondixxi r-rabtiet ekonomiċi u politiċi f'relazzjoni matura u wiesgħa[38] u tagħti appoġġ prattiku. Ir-realtà ta' rotot migratorji multipli tenfasizza wkoll il-bżonn li naħdmu mal-pajjiżi sħab fl-**Asja**[39] u fl-**Amerka Latina**.

Ma' dawn is-sħab kollha, jeħtieġ li nirrikonoxxu li l-pandemija tal-COVID-19 diġà qed tikkawża tfixkil enormi. Din trid tkun parti ewlenija minn viżjoni ta' kooperazzjoni bbażata fuq interessi reċiproċi, li tgħin biex jinbnew ekonomiji msaħħa u reżiljenti li jwasslu għat-tkabbir u l-impjiegi għan-nies lokali u fl-istess ħin tnaqqas il-pressjoni għall-migrazzjoni irregolari.

Il-**finanzjament tal-UE** għall-kwistjonijiet tar-refuġjati u l-migrazzjoni barra mill-UE, li ammonta għal EUR 9 biljun mill-2015 'l hawn, kien indispensabbli għall-objettivi tal-migrazzjoni tal-UE. F'Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew enfasizza li dan irid jiġi żviluppat aktar u b'mod aktar ikkoordinat fil-programmi fl-intestaturi rilevanti tal-baġit tal-UE[40]. L-ipprogrammar strateġiku u mmexxi mill-politika tal-finanzjament estern tal-UE se jkun essenzjali għall-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ komprensiv ġdid għall-migrazzjoni. Il-mira ta' 10 % għal azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni proposta fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tagħraf li jeħtieġ li r-riżorsi jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-impenn internazzjonali miżjud tal-UE, kif ukoll li jkunu flessibbli biżżejjed biex jaġġustaw ruħhom għaċ-ċirkostanzi. L-arkitettura proposta tal-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE tipprevedi wkoll flessibbiltajiet addizzjonali biex jirrispondu għal ċirkostanzi jew kriżijiet mhux previsti.

6.2 Inħarsu lil min hu fil-bżonn u nappoġġaw lill-pajjiżi ospitanti

Il-ħidma tal-UE biex tindirizza l-ħtiġijiet umanitarji u ta' emerġenza hija bbażata fuq il-prinċipji tal-umanità, l-imparzjalità, in-newtralità u l-indipendenza. Huwa stmat li madwar id-dinja, aktar minn 70 miljun ruħ, irġiel, nisa u tfal ġew spostati b'mod furzat, bi kważi 30 miljun refuġjat u applikant għal ażil[41]. Il-maġġoranza vasta tagħhom qed jiġu ospitati f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-UE se żżomm l-impenn tagħha li tgħinhom.

L-UE tista' tibni fuq rekord ta' kooperazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' sħab fl-għoti ta' dan l-appoġġ. L-evakwazzjoni umanitarja tan-nies mil-Libja għal Mekkaniżmi ta' Tranżitu ta' Emerġenza fin-Niġer u fir-Rwanda għal risistemazzjoni ulterjuri għenet lil dawk l-aktar vulnerabbli biex jaħarbu minn ċirkostanzi ddisprati. L-assistenza lir-refuġjati affettwati mill-kriżi Sirjana u l-pajjiżi ospitanti tagħhom tkompli tkun essenzjali. Miljuni ta' refuġjati u l-komunitajiet ospitanti tagħhom fit-Turkija, il-Libanu, il-Ġordan jew l-Iraq qed jibbenefikaw minn appoġġ ta' kuljum, permezz ta' strumenti ddedikati bħall-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija u l-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-kriżi Sirjana.

---

[37] Pereżempju, f'Lulju 2020, l-UE qablet dwar estensjoni ta' EUR 485 miljun għall-appoġġ umanitarju taħt il-Faċilità, biex tippermetti l-estensjoni sa tmiem l-2021 tal-programmi li jgħinu lil aktar minn 1,7 miljun refuġjat biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom u aktar minn 600 000 tifel u tifla biex imorru l-iskola.

[38] Komunikazzjoni Konġunta "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika, JOIN(2020) 4 final tad-9 ta' Marzu 2020.

[39] B'mod partikolari mal-pajjiżi tat-Triq tal-Ħarir: L-Afganistan, il-Bangladesh, l-Iran, l-Iraq u l-Pakistan.

[40] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020, il-paragrafi 19, 103, 105, 111 u 117.

[41] Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati jirrapporta li fl-2018 kważi 71 miljun ruħ ġew spostati b'mod furzat, inklużi kważi 26 miljun refuġjat u 3,5 miljun applikant għal ażil (UNHCR Global Trends – Forced Displacement in 2018, https://www.unhcr.org/5d08d7ee7.pdf).

Kif imtenni f'Diċembru 2019 fil-Forum Globali dwar ir-Refuġjati, l-UE hija ddeterminata li żżomm l-impenn qawwi tagħha li tipprovdi **appoġġ** li jsalva l-ħajjiet **lil miljuni ta' refuġjati u persuni spostati**, kif ukoll li trawwem soluzzjonijiet orjentati lejn l-iżvilupp sostenibbli[42].

6.3 Nibnu opportunità ekonomika u nindirizzaw il-migrazzjoni irregolari mill-għeruq tagħha

L-**għeruq tal-problema** tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, kif ukoll il-fatturi immedjati li jwasslu lin-nies biex jemigraw, huma kumplessi[43].

L-UE hija l-akbar fornitur ta' **għajnuna għall-iżvilupp** fid-dinja. Dan se jkompli jkun fattur ewlieni fl-involviment tal-UE mal-pajjiżi, inkluż dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni. Il-ħidma biex jinbnew soċjetajiet stabbli u koeżivi, biex jitnaqqsu l-faqar u l-inugwaljanza u jiġu promossi l-iżvilupp tal-bniedem, l-impjiegi u l-opportunità ekonomika, biex jiġu promossi d-demokrazija, il-governanza tajba, il-paċi u s-sigurtà, u biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima, kollha jistgħu jgħinu lin-nies iħossu li l-futur tagħhom jinsab f'pajjiżhom. Fil-proposti tal-Kummissjoni għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti ta' politika esterna, il-migrazzjoni titqies sistematikament bħala prijorità fl-ipprogrammar. L-assistenza se tkun immirata kif meħtieġ lejn dawk il-pajjiżi b'dimensjoni migratorja sinifikanti. Il-flessibbiltà ġiet inkorporata fil-proposti għall-istrumenti billi l-esperjenza ta' dawn l-aħħar snin uriet li l-flessibbiltà ta' strumenti bħall-Fondi Fiduċjarji hija essenzjali għat-twettiq rapidu meta jkun meħtieġ, meta mqabbel mal-finanzjament predeterminat għal pajjiżi jew programmi speċifiċi.

Ħafna politiki oħrajn jistgħu jintużaw biex jgħinu fil-bini tal-istabbiltà u l-prosperità fil-pajjiżi sħab[44]. Il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll il-paċi, is-sigurtà u l-governanza, spiss ikunu l-pedament ta' dawn l-isforzi. Il-politika dwar il-kummerċ u l-investiment diġà tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-għeruq tal-problema billi toħloq l-impjiegi u l-perspettivi għal miljuni ta' ħaddiema u bdiewa madwar id-dinja. L-għoti ta' spinta lill-investiment permezz ta' mezzi bħall-Pjan ta' Investiment Estern jista' jagħti kontribut sinifikanti għall-iżvilupp ekonomiku, it-tkabbir u l-impjiegi. L-isfruttament aħjar tal-potenzjal tar-rimessi jista' jgħin ukoll fl-iżvilupp ekonomiku. Il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni, il-ħiliet u r-riċerka, kif ukoll f'politiki bħad-diġitali, l-enerġija jew it-trasport, tgħin ukoll biex jiġi approfondit l-iżvilupp ekonomiku. L-UE se tuża dawn il-politiki kull fejn ikun rilevanti fl-impenn mal-pajjiżi sħab taħt il-Patt il-Ġdid.

6.4 Sħubijiet għat-tisħiħ tal-governanza u l-ġestjoni tal-migrazzjoni

L-appoġġ lis-sħab tal-UE fl-iżvilupp ta' kapaċità ta' **governanza u ġestjoni** effettivi **tal-migrazzjoni** se jkun element ewlieni fis-sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku li l-UE qed tipprova tiżviluppa. L-UE tista' tappoġġa l-bini tal-kapaċità f'konformità mal-ħtiġijiet tas-sħab. Dan se jgħin lill-pajjiżi sħab iġestixxu l-migrazzjoni irregolari, l-ispostament furzat u jiġġieldu kontra n-networks tal-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali[45]. Se jkomplu

---

[42] F'dawn l-aħħar snin il-biċċa l-kbira tal-baġit umanitarju tal-UE (80 % ta' EUR 1,2 biljun fl-2018 u ta' EUR 1,6 biljun fl-2019) mar għal proġetti li jgħinu l-ħtiġijiet immedjati tal-persuni spostati b'mod furzat u l-komunitajiet ospitanti tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi immedjati tagħhom f'kunflitti, kriżijiet u spostamenti fit-tul.

[43] Ara l-ħidma prodotta u appoġġata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka Knowledge Centre on Migration and Demography on International Migration Drivers (2018) u l-Atlas of Migration (2019).

[44] Dan l-approċċ b'bażi wiesgħa huwa rikonoxxut bis-sħiħ fl-Alleanza UE-Afrika (Alleanza ġdida Afrika-Ewropa għall-Investiment u għall-Impjiegi Sostenibbli, COM (2018) 643 tat-12 ta' Settembru 2018).

[45] Ara t-Taqsima 5.

jintużaw għodod bħall-komunikazzjoni strateġika, li jipprovdu informazzjoni dwar opportunitajiet ta' migrazzjoni legali u jispjegaw ir-riskji tal-migrazzjoni irregolari, kif ukoll il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni. Barra minn hekk, skont il-kuntesti u s-sitwazzjonijiet, l-UE tista' tassisti lill-pajjiżi sħab fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż billi ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħhom ta' tiftix u salvataġġ fuq il-baħar jew fuq l-art, permezz ta' sistemi ta' ażil u akkoljenza li jiffunzjonaw sew, jew billi tiffaċilita r-ritorn volontarju lejn pajjiżi terzi jew l-integrazzjoni tal-migranti[46].

Il-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi sħab fil-qasam tal-governanza tal-migrazzjoni se tkompli tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-migranti u r-refuġjati, tiġġieled id-diskriminazzjoni u l-isfruttament tax-xogħol, u tiżgura li l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom jiġu ssodisfati permezz tal-għoti ta' servizzi ewlenin. L-appoġġ jista' jkun immirat ukoll lejn il-massimizzazzjoni tal-impatt pożittiv tal-migrazzjoni u t-tnaqqis tal-konsegwenzi negattivi għall-pajjiżi sħab, pereżempju billi jitnaqqsu l-ispejjeż tat-trasferiment tar-rimessi, jitnaqqas l-"eżodu tal-imħuħ", jew tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni ċirkolari.

L-Istati Membri għandhom rwol ewlieni fl-għoti ta' appoġġ prattiku bħal dan, kif muri mill-kooperazzjoni produttiva fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali, fejn skwadri ta' investigazzjoni konġunta jibbenefikaw mill-għarfien espert prattiku tal-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Jenħtieġ li l-UE tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tagħti appoġġ operattiv lis-sħubijiet il-ġodda, inkluż permezz ta' involviment aktar profond tal-**aġenziji tal-UE**. Issa jenħtieġ li l-ambitu tal-azzjoni msaħħaħ tal-Frontex jintuża biex il-kooperazzjoni mas-sħab issir operazzjonali. Il-kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent, inkluż permezz ta' ftehimiet dwar l-i*status* tal-UE ma' ħames sħab tal-Balkani tal-Punent, se tippermetti lill-gwardji tal-fruntiera tal-Frontex jaħdmu flimkien mal-gwardji tal-fruntiera nazzjonali fit-territorju ta' pajjiż sieħeb. Issa l-Frontex tista' tipprovdi wkoll appoġġ prattiku biex tiżviluppa l-kapaċità ta' ġestjoni tal-fruntieri tas-sħab u biex tikkoopera mas-sħab biex tottimizza r-ritorn volontarju. Il-Kummissjoni se tkompli tinkoraġġixxi l-ftehimiet mal-ġirien tagħha[47]. Fir-rigward tal-ażil, il-possibbiltajiet tal-lum ta' ħidma ma' pajjiżi terzi huma limitati, iżda ġestjoni tal-migrazzjoni li tiffunzjona sew fuq rotot ewlenin hija essenzjali kemm għall-protezzjoni kif ukoll għall-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn. L-Aġenzija l-ġdida tal-UE għall-Ażil tkun tista' taħdem fuq il-bini tal-kapaċità u l-appoġġ operazzjonali għal pajjiżi terzi, u tappoġġa skemi ta' risistemazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri, filwaqt li tibni fuq il-kooperazzjoni eżistenti ma' aġenziji tan-NU bħall-Aġenzija tan-NU għar-Refuġjati UNHCR u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

6.5 It-trawwim ta' kooperazzjoni dwar it-trawwim u r-riintegrazzjoni

Oqsma ta' ħidma bħall-ħolqien ta' opportunità ekonomika, iż-żieda tal-istabbiltà jew l-indirizzar tal-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali jistgħu jnaqqsu l-għadd ta' wasliet irregolari lejn l-UE u l-għadd ta' dawk fl-UE mingħajr ebda dritt ta' permanenza. Madankollu, għal dawk mingħajr dritt ta' permanenza, jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sistema effettiva ta' ritorni. Xi wħud minnhom jistgħu jagħżlu l-possibbiltà ta' ritorn volontarju, u jenħtieġ li dan jiġi appoġġat b'mod proattiv. Bħalissa, waħda mil-lakuni ewlenin fil-ġestjoni

[46] Inkluż permezz tal-istazzjonar ta' Uffiċjali ta' Kollegament Ewropej għall-Migrazzjoni, attwalment stazzjonati f'10 pajjiżi terzi, b'erbgħa oħra lesti biex jiġu stazzjonati hekk kif tippermetti s-sitwazzjoni tal-COVID-19.

[47] Il-ftehimiet dwar l-istatus ġew innegozjati b'riżultat pożittiv mal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent (mhux inkluż il-Kosovo). Il-ftehimiet dwar l-i*status* mal-Albanija, il-Montenegro u s-Serbja diġà ġew iffirmati u daħlu fis-seħħ, filwaqt li l-iffirmar tal-ftehimiet mal-Maċedonja ta' Fuq u l-Bożnija-Ħerzegovina għadu pendenti.

tal-migrazzjoni Ewropea hija d-diffikultà biex jiġu effetivament rimpatrijati dawk li ma jagħżlux din il-possibbiltà. Il-ħidma mill-qrib mal-pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu hija prerekwiżit għal sistema ta' ritorni, riammissjoni, u riintegrazzjoni li tiffunzjona sew.

L-azzjoni meħuda mill-Istati Membri[48] fil-qasam tar-ritorni trid timxi id f'id ma' spinta ġdida biex titjieb il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi, ikkomplementata minn kooperazzjoni dwar ir-riintegrazzjoni, biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-ritorni. Dan, l-ewwel u qabel kollox, jeħtieġ l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-erbgħa u għoxrin **ftehim u arranġament eżistenti tal-UE** dwar ir-riammissjoni ma' pajjiżi terzi, it-tlestija tan-negozjati għar-riammissjoni li għaddejjin bħalissa u kif xieraq it-tnedija ta' negozjati ġodda, kif ukoll soluzzjonijiet kooperattivi prattiċi biex jiżdied l-għadd ta' ritorni effettivi.

Jenħtieġ li dawn id-diskussjonijiet jitqiesu fil-kuntest tal-firxa sħiħa tal-politiki, l-għodod u l-istrumenti tal-UE u tal-Istati Membri, li jistgħu jinġiebu flimkien b'mod strateġiku. L-ewwel pass sar bl-introduzzjoni ta' rabta bejn il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni u l-ħruġ tal-viżi fil-Kodiċi dwar il-Viżi[49]. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li pprovdew l-Istati Membri, il-Kummissjoni se tivvaluta mill-inqas darba fis-sena **l-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni**, u tirrapporta lill-Kunsill. Kull Stat Membru jista' jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni jekk iħabbat wiċċu ma' problemi prattiċi sostanzjali u persistenti fil-kooperazzjoni ma' pajjiż terz dwar ir-riammissjoni, li jagħtu bidu għal valutazzjoni *ad hoc*. Wara valutazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi li jiġu applikati miżuri restrittivi dwar il-viża, jew f'każ ta' kooperazzjoni tajba, tipproponi miżuri favorevoli dwar il-viża.

Il-politika dwar il-viżi tista' tintuża wkoll biex jitrażżnu **l-applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi** minn pajjiżi eżenti mill-obbligu ta' viża filwaqt li jitqies li kważi kwart tal-applikazzjonijiet għall-ażil li rċevew l-Istati Membri saru minn applikanti li jistgħu jidħlu fiż-żona Schengen+ mingħajr l-obbligu ta' viża. Jekk ikun hemm aktar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni jgħin biex jinkixef l-abbuż mill-viża. Il-**Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża** jipprevedi l-valutazzjoni sistematika ta' pajjiżi eżenti mill-obbligu ta' viża fil-konfront ta' kriterji li jinkludu riskji ta' migrazzjoni irregolari u applikazzjonijiet għall-ażil abbużivi. Dan jista' fl-aħħar mill-aħħar jirriżulta fit-tneħħija ta' pajjiżi terzi mil-lista ta' eżenzjoni mill-obbligu ta' viża.

Biex jintlaħaq l-għan stabbilit mill-Kunsill Ewropew[50] biex **jiġu mobilizzati l-politiki u l-għodod rilevanti**, jeħtieġ li jsir progress fl-isforzi konġunti. Huwa għalhekk li r-Regolament propost dwar l-Ażil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jinkludi l-possibbiltà li l-Kummissjoni, meta tirrapporta lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni, tista' tidentifika miżuri effettivi ulterjuri biex tinċentiva u ttejjeb il-kooperazzjoni biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u l-ammissjoni, inkluż f'oqsma ta' politika oħra ta' interess għall-pajjiżi terzi[51], filwaqt li jitqiesu l-interessi u r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli se tkun importanti. Il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw li l-progress dwar ir-riammissjoni jkun pari passu mal-progress f'oqsma fil-kuntest tas-sħubiji. Dan ikun jeħtieġ aktar koordinazzjoni, u flessibbiltà fl-istrumenti leġiżlattivi, ta' politika u ta' finanzjament, li jlaqqgħu flimkien l-azzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri.

48 Ara t-Taqsima 2.5 hawn fuq.

49 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 kif emendat.

50 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2018.

51 L-assistenza umanitarja tal-UE tingħata f'konformità mal-prinċipji tal-umanità, l-imparzjalità, in-newtralità u l-indipendenza.

Komponent importanti tal-**Istrateġija dwar ir-Ritorn Volontarju u r-Riintegrazzjoni** tal-futur se jkun jinvolvi l-ħolqien ta' approċċi ġodda f'pajjiżi terzi u jkun jinkludi rabtiet aħjar ma' inizjattivi oħra ta' żvilupp u ma' strateġiji nazzjonali, biex jinbnew il-kapaċità u r-responsabbiltà ta' pajjiżi terzi. L-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija se teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib mal-Frontex permezz tal-mandat imsaħħaħ tagħha dwar ir-ritorn u bħala parti mis-sistema komuni tal-UE għar-ritorni.

6.6 L-iżvilupp ta' toroq legali lejn l-Ewropa

Mezzi sikuri li joffru protezzjoni lil dawk fil-bżonn jeliminaw l-inċentiv li dawn jibdew vjaġġi perikolużi biex jaslu l-Ewropa, kif ukoll juru solidarjetà ma' pajjiżi terzi li jospitaw ir-refuġjati. Il-migrazzjoni legali tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà tagħna u għall-ekonomija. Filwaqt li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni għal-persuni ġejjin minn pajjiżi terzi biex ifittxu x-xogħol, il-politika komuni tal-migrazzjoni tal-UE teħtieġ li tkun tirrifletti l-integrazzjoni tal-ekonomija tal-UE u l-interdipendenza tas-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri. Huwa għalhekk li l-politiki tal-UE jeħtieġ li jrawmu kundizzjonijiet ekwi bejn is-swieq tax-xogħol nazzjonali bħala destinazzjonijiet ta' migrazzjoni. Jenħtieġ li l-politiki jgħinu wkoll lill-Istati Membri jużaw is-sħubija fl-UE bħala assi biex jattiraw it-talent.

Ir-risistemazzjoni hija mod ippruvat u ttestjat biex tingħata protezzjoni lir-refuġjati l-aktar vulnerabbli. F'dawn l-aħħar snin diġà kien hemm żieda kbira fir-risistemazzjoni lejn l-UE, u jenħtieġ li din il-ħidma tkompli tiżdied. Il-Kummissjoni qed tirrakkomanda li tifformalizza l-iskema *ad hoc* ta' madwar 29 500 post ta' risistemazzjoni li diġà qed tiġi implimentata mill-Istati Membri, u biex din tkun tkopri perjodu ta' sentejn, 2020-2021[52] (minħabba l-pandemija tal-COVID-19, mhux se jkun possibbli li jiġu ssodisfati l-wegħdiet ta' risistemazzjoni kollha matul l-2020). Sabiex tiżgura li jkun hemm kontinwazzjoni bla xkiel tal-isforzi ta' risistemazzjoni fl-UE lil hinn mill-2021 u biex tikkonferma li l-UE tkun protagonist globali fir-risistemazzjoni, il-Kummissjoni se tistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu wegħdiet mill-2022 'il quddiem. Dan se jkun appoġġat mill-baġit tal-UE u se jinkludi toroq komplementari għall-protezzjoni, bħal skemi ta' ammissjoni umanitarja u miżuri bħal skemi ta' studju jew skemi relatati max-xogħol. L-UE se tappoġġa wkoll lill-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu skemi **komunitarji jew privati ta' sponsorizzazzjoni** permezz ta' finanzjament, bini ta' kapaċità u kondiviżjoni tal-għarfien , f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, bil-għan li jiġi żviluppat mudell Ewropew ta' sponsorizzazzjoni komunitarja, li jista' jwassal għal riżultati aħjar ta' integrazzjoni fit-tul.

L-UE taħdem ukoll mal-pajjiżi sħab tagħha fuq toroq legali lejn l-Ewropa bħala parti mis-sħubijiet tal-migrazzjoni, u b'hekk tiftaħ it-triq għal kooperazzjoni dwar skemi li jlaqqgħu lin-nies, il-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol permezz tal-migrazzjoni legali. Fl-istess ħin, huwa mistenni li l-iżvilupp ta' toroq legali jikkontribwixxi biex tonqos l-migrazzjoni irregolari, li spiss twassal għal xogħol mhux iddikjarat u l-isfruttament tal-ħaddiema fl-UE. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ l-appoġġ lill-Istati Membri biex iżidu l-migrazzjoni legali flimkien mal-pajjiżi sħab bħala inċentiv pożittiv u f'konformità mal-ħtiġijiet tal-ħiliet u tas-suq tax-xogħol tal-UE, filwaqt li jiġu rispettati kompletament il-kompetenzi tal-Istati Membri.

[52] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-toroq legali lejn il-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u toroq komplementari oħra, C(2020) 6467 tat-23 ta' Settembru 2020.

L-UE għandha rekord b'saħħtu fl-iskemi ta' mobilità tal-forza tax-xogħol. Il-proġetti pilota dwar il-migrazzjoni legali[53] wrew li permezz ta' appoġġ immirat, l-UE tista' tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw skemi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-impjegaturi. L-UE fetħet ukoll l-Erasmus+ u t-taħriġ vokazzjonali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u offriet għotjiet ta' appoġġ għall-mobilizzazzjoni tad-dijaspora. Madankollu, l-ambitu u l-ambizzjoni tal-iskemi eżistenti għadhom limitati.

Approċċ imsaħħaħ u aktar komprensiv[54] , ikun joffri kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab u jgħin biex tingħata spinta lill-mobilità internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku. Il-Kummissjoni għalhekk se tniedi **Sħubiji ta' Talent** fil-forma ta' impenn imsaħħaħ biex tappoġġa l-migrazzjoni legali u l-mobilità ma' sħab ewlenin. Is-sħubiji jenħtieġ li jiġu varati l-ewwel fil-Viċinat tal-UE, fil-Balkani tal-Punent, u fl-Afrika, bil-ħsieb li jespandu għal reġjuni oħra. Dawn se jipprovdu qafas ta' politika tal-UE komprensiv kif ukoll appoġġ ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, biex ikun hemm konkordanza aħjar bejn il-ħtiġijiet tax-xogħol u l-ħiliet fl-UE, kif ukoll biex ikunu parti mis-sett ta' għodod tal-UE biex jinvolvu lill-pajjiżi sħab b'mod strateġiku dwar il-migrazzjoni. L-involviment qawwi tal-Istati Membri se jkun essenzjali, kif ukoll l-involviment tas-settur privat u r-responsabbiltà li jieħdu s-sħab. Il-Kummissjoni se torganizza konferenza ta' livell għoli mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-UE biex tniedi s-Sħubiji ta' Talent.

Jenħtieġ li s-Sħubiji ta' Talent ikunu inklużivi, u jibnu kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-istituzzjonijiet ikkonċernati (bħall-Ministeri tax-Xogħol u tal-Edukazzjoni, l-impjegaturi u s-sħab soċjali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-assoċjazzjonijiet tad-dijaspora). Il-Kummissjoni se tistimula din il-kooperazzjoni permezz ta' sensibilizzazzjoni dedikata u se tibni netwerk ta' impriżi involuti.

Is-Sħubiji ta' Talent se jipprovdu qafas uniku biex jiġu mobilizzati l-għodod tal-UE u tal-Istati Membri. Il-flussi ta' finanzjament tal-UE fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, l-affarijiet interni, ir-riċerka u l-edukazzjoni (Erasmus+) kollha jistgħu jikkontribwixxu. Is-Sħubiji jkunu jikkombinaw l-appoġġ dirett għall-iskemi ta' mobilità għax-xogħol jew it-taħriġ mal-bini tal-kapaċità f'oqsma bħas-suq tax-xogħol jew l-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-integrazzjoni tal-migranti li jirritornaw, u l-mobilizzazzjoni tad-dijaspora. Iffukar akbar fuq l-edukazzjoni jgħin biex jingħata appoġġ lill-ħiliet lokali u jsir investiment fihom.

Bħala parti mill-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u l-mobilità, il-miżuri tal-viża jistgħu jaġixxu bħala inċentiv pożittiv fl-involviment ma' pajjiżi terzi. L-implimentazzjoni sħiħa tal-**Kodiċi dwar il-Viżi**[55] li ġie rivedut dan l-aħħar kif ukoll sforzi addizzjonali dwar il-faċilitazzjoni tal-viża ma' pajjiżi terzi se ġġib aktar konsistenza u għandha tinkoraġġixxi mobilità għal żmien qasir *bona fide*, inklużi skambji ta' studenti. Il-mobilità għal żmien qasir tista' tikkomplementa toroq legali oħra biex titjieb il-kooperazzjoni upstream ma' pajjiżi terzi (pereżempju, fit-trażżin tal-flussi migratorji irregolari).

Azzjonijiet ewlenin

[53] Tmien Stati Membri bħalissa huma involuti f'sitt proġetti bħal dawn mal-Eġittu, il-Marokk, it-Tuneżija, in-Niġerja u s-Senegal. It-temi ewlenin jinkludu l-mobilità għall-esperti tal-ICT, l-opportunitajiet għal studju u traineeships fl-Ewropa, u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' pajjiżi terzi biex jiġġestixxu l-migrazzjoni u jappoġġaw ir-riintegrazzjoni.

[54] Dan ikun konformi mas-Sħubija għall-Ħiliet Globali, li huma ftehimiet bilaterali li permezz tagħhom pajjiż ta' destinazzjoni jiġi involut direttament fil-ħolqien ta' kapital uman fost il-migranti potenzjali fil-pajjiż ta' oriġini qabel il-migrazzjoni.

[55] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 kif emendat.

Il-Kummissjoni, fejn rilevanti f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri:

- Tniedi ħidma minnufih biex tiżviluppa u tapprofondixxi, flimkien mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, djalogi u sħubiji dwar il-migrazzjoni mfassla apposta, komprensivi u bbilanċjati, ikkomplementati b'involviment fil-livell reġjonali u globali.
- Tintensifika l-appoġġ biex tgħin lil dawk fil-bżonn u lill-komunitajiet li jospitawhom;
- Iżżid l-appoġġ għall-opportunitajiet ekonomiċi u tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari;
- Tagħti prijorità akbar lill-migrazzjoni fl-ipprogrammar ta' strumenti ġodda fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;
- Tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effikaċi tal-ftehimiet u l-arranġamenti eżistenti ta' riammissjoni u teżamina l-opzjonijiet għal oħrajn ġodda;
- Tagħmel użu mill-Kodiċi dwar il-Viżi biex tinċentiva u ttejjeb il-kooperazzjoni għall-faċilitazzjoni tar-ritorn u r-riammissjoni, kif ukoll taħdem permezz tar-Regolament dwar l-Ażil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni meta dan ikun fis-seħħ;
- Tmexxi 'l quddiem ir-rakkomandazzjoni dwar it-toroq legali għall-protezzjoni fl-UE, inkluża r-risistemazzjoni; kif ukoll
- Tiżviluppa Sħubiji ta' Talenti tal-UE ma' pajjiżi sħab ewlenin biex jiġu ffaċilitati l-migrazzjoni u l-mobilità legali.

Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

- Jikkonkludu malajr in-negozjati dwar ir-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja.

7. IL-ĦILIET U T-TALENT JIĠU ATTIRATI LEJN L-UE

Il-ħidma ma' pajjiżi terzi dwar it-toroq legali hija kompletament konformi mal-interessi tal-UE. L-Ewropa għandha popolazzjoni li qed tixjieħ u tonqos[56]. Il-pressjoni strutturali li dan mistenni joħloq fuq is-suq tax-xogħol hija kkomplementata minn nuqqas speċifiku ta' ħiliet f'lokalitajiet u f'setturi differenti bħas-saħħa, il-kura medika, u l-agrikoltura. Il-kontribut tal-migranti residenti legalment biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet u biex jiżdied id-dinamiżmu tas-suq tax-xogħol fl-UE ġie rikonoxxut fl-**Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa**[57] li ġiet aġġornata dan l-aħħar.

L-attivazzjoni u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol domestika huma meħtieġa iżda mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet eżistenti kollha. Dan diġà qed iseħħ: fl-2018, l-Istati Membri ħarġu aktar minn 775 000 permess ta' residenza għall-ewwel darba lil ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' impjieg[58]. Il-ħaddiema minn pajjiżi terzi diġà qed jimlew skarsezzi importanti f'għadd ta' okkupazzjonijiet madwar l-Istati Membri[59], inkluż f'okkupazzjonijiet li kienu kruċjali għar-rispons tal-COVID-19[60].

---

[56] Rapport dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku, COM(2020) 241 tas-17 ta' Ġunju 2020.

[57] Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020) 274 final tal-1 ta' Lulju 2020.

[58] Eurostat (kodiċi tad-*data* online: migr_pop1ctz). Din iċ-ċifra ma tinkludix id-*data* tar-Renju Unit.

[59] OECD (2018), "The contribution of migration to the dynamics of the labour force in OECD countries: 2005-2015", OECD Social, Employment and Migration Working Papers, Nru 203, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi.

[60] Pereżempju, fl-2018, l-immigranti mhux mill-UE kienu jirrappreżentaw madwar 6 % tal-professjonisti tal-kura medika fl-UE, 14 % tal-ħaddiema tal-kura personali, 10 % tal-ħaddiema li jiġbru l-iskart, 16 % tal-ħaddiema agrikoli (mhux inklużi l-ħaddiema staġonali), 25 % ta' ħaddiema li jnaddfu u dawk li jagħtu servizz ta' għajnuna u 27 % tal-assistenti fil-preparazzjoni alimentari.

F'dikjarazzjoni konġunta mal-Kummissjoni, l-Imsieħba Soċjali u Ekonomiċi Ewropej enfasizzaw il-potenzjal tal-ħaddiema migranti li jikkontribwixxu għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali billi jipprovdu s-suq tax-xogħol Ewropew bil-ħiliet li jeħtieġ[61]. Madankollu, bħalissa l-UE qed titlef it-tellieqa globali għat-talent[62]. Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli biex jiddeċiedu dwar l-għadd ta' persuni li jaċċettaw għal skopijiet ta' xogħol, qafas imtejjeb fil-livell tal-UE jqiegħed lill-Istati Membri u lill-impriżi fl-aħjar pożizzjoni possibbli biex jattiraw it-talenti li jeħtieġu.

Minbarra t-tnedija tas-Sħubijiet ta' Talent, huwa importanti li jitlesta x-xogħol li għadu pendenti tar-riforma tad-**Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE**, biex jiġi attirat talent b'livell għoli ta' ħiliet[63]. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-diversità tas-sitwazzjonijiet tas-suq tax-xogħol madwar l-Istati Membri u x-xewqa ta' dawn li jkun hemm flessibbiltà biex iżommu l-iskemi nazzjonali mfassla apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin, ir-riforma trid iġġib valur miżjud reali tal-UE biex tattira l-ħiliet permezz ta' strument effettiv u flessibbli għall-UE kollha. Dan jeħtieġ kundizzjonijiet ta' ammissjoni aktar inklużivi, drittijiet imtejba, proċeduri rapidi u flessibbli, possibbiltajiet aħjar biex wieħed jiċċaqlaq u jaħdem fi Stati Membri differenti, u kundizzjonijiet ekwi bejn is-sistemi nazzjonali u dawk tal-UE. L-iskema l-ġdida għall-UE kollha jenħtieġ li tkun miftuħa għar-rikonoxximent ta' ħiliet professjonali ta' livell għoli u esperjenza rilevanti. Jenħtieġ li tkun ukoll inklużiva, tkopri kategoriji bħal benefiċjarji b'livell għoli ta' ħiliet ta' protezzjoni internazzjonali, li tibbenefika mill-ħiliet tagħhom u trawwem l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet tal-UE. Il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiffinalizzaw in-negozjati malajr, u tinsab lesta biex taħdem favur kompromess fuq dawn il-linji.

Il-mobilità internazzjonali tal-istudenti u r-riċerkaturi tista' żżid ir-riżerva tal-għarfien espert disponibbli għall-universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' riċerka Ewropej, u b'hekk tagħti spinta lill-isforzi tagħna biex namministraw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali. L-implimentazzjoni sħiħa tad-**Direttiva dwar l-Istudenti u r-Riċerkaturi**[64] li ġiet riveduta dan l-aħħar hija essenzjali biex tagħmilha aktar faċli u aktar li wieħed jiġi fl-UE, u biex tiġi promossa ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien bejn l-Istati Membri. Is-Sħubiji ta' Talent jistgħu wkoll jappoġġaw direttament skemi li jiffaċilitaw il-mobilità tal-istudenti u r-riċerkaturi.

Jista' jsir aktar biex jiżdied l-impatt tal-qafas tal-UE dwar il-migrazzjoni legali fuq l-isfidi demografiċi u migratorji tal-Ewropa[65]. Hemm għadd ta' nuqqasijiet inerenti fis-sistema tal-migrazzjoni legali tal-UE (bħall-frammentazzjoni, il-kopertura limitata tar-regoli tal-UE, l-inkonsistenzi bejn id-Direttivi differenti, u proċeduri kumplessi) li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' miżuri li jvarjaw minn infurzar aħjar għal leġiżlazzjoni ġdida. Il-Kummissjoni l-ewwel se tiżgura li l-qafas attwali jiġi implimentat kompletament u b'mod effettiv, billi tintensifika l-kooperazzjoni u d-djalogu mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni se tindirizza wkoll in-nuqqasijiet ewlenin fi tliet settijiet ġodda ta' miżuri, li jwieġbu għall-objettiv ġenerali li jiġi attirat it-talent li l-UE teħtieġ. Kemm l-ammissjoni ta'

---

61 https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/what-we-do/policies/legal-migration-policy/joint-statement-commission-economic-social-partners-renewal-european-partnership-integration.pdf

62 Ara preżempju: Reklutaġġ ta' ħaddiema immigranti: l-Ewropa, l-OECD u l-UE (2016), Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi.

63 COM(2016) 378 tas-7 ta' Ġunju 2016.

64 Id-Direttiva (UE) 2016/801.

65 Ara l-Kontroll tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-migrazzjoni legali (SWD(2019) 1055 tad-29 ta' Marzu 2019). Rigward kwistjonijiet demografiċi, ara wkoll: Xenarji Demografiċi għall-UE – Migrazzjoni, Popolazzjoni u Edukazzjoni (il-Kummissjoni, 2019).

ħaddiema b'livelli differenti ta' ħiliet fl-UE, kif ukoll il-mobilità intra-UE ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi li diġà jinsabu fl-UE, se jiġu ffaċilitati.

- Reviżjoni tad-**Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil**[66], li bħalissa mhix qed tintuża biżżejjed u ma tipprovdix dritt effettiv għall-mobilità intra-UE. L-objettiv ikun li jinħoloq *status* ta' residenza għal żmien twil tal-UE, b'mod partikolari billi jissaħħaħ id-dritt tar-residenti għal żmien twil li jiċċaqilqu u jaħdmu fi Stati Membri oħra.
- Rieżami tad-**Direttiva dwar il-Permess Uniku**[67], li ma laħqitx għalkollox l-għan tagħha li tissimplifika l-proċeduri ta' ammissjoni għall-ħaddiema kollha minn pajjiżi terzi. Dan ikun iħares lejn modi kif jiġi ssimplifikat u ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, inklużi l-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u ta' residenza għall-ħaddiema b'ħiliet ta' livell baxx baxxi u medju.
- Tkompli tesplora r-**Riżerva ta' Talent tal-UE** għall-ħaddiema tas-sengħa ġejjin minn pajjiżi terzi li jistgħu joperaw bħala pjattaforma għall-UE kollha għar-reklutaġġ internazzjonali, li permezz tagħha ċittadini b'sengħa minn pajjiżi terzi jistgħu jesprimu l-interess tagħhom li jemigraw lejn l-UE, u jistgħu jiġu identifikati mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni tal-UE u l-impjegaturi fuq il-bażi tal-ħtiġijiet tagħhom[68].

Il-Kummissjoni nediet ukoll **konsultazzjoni pubblika dwar l-attirar tal-ħiliet u t-talent**. Din għandha l-għan li tidentifika oqsma addizzjonali fejn il-qafas tal-UE jista' jittejjeb, inkluż permezz tal-possibbiltà ta' leġiżlazzjoni ġdida. Hija tistieden ukoll ideat ġodda biex tingħata spinta lill-attraenza tal-UE, tiġi ffaċilitata l-konkordanza tal-ħiliet, u l-migranti tax-xogħol jiġu protetti aħjar mill-isfruttament. Bħala parti mill-konsultazzjoni, il-Kummissjoni se ssegwi d-djalogu tagħha mas-sħab soċjali u ekonomiċi f'dawn l-inizjattivi kollha. Ir-riżultati se jinfurmaw l-iżvilupp ta' Riżerva ta' Talent tal-UE u se jgħinu lill-Kummissjoni tiddeċiedi liema inizjattivi oħra huma meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi fit-tul f'dan il-qasam.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni:

- Tniedi dibattitu dwar il-passi li jmiss dwar il-migrazzjoni legali permezz ta' konsultazzjoni pubblika; kif ukoll
- Tipproponi pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti li jinkludi reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Residenti Għal Żmien Twil u rieżami tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku, kif ukoll tistabbilixxi l-opzjonijiet biex tinħoloq Riżerva ta' Talent tal-UE;

Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

- Jikkonkludu n-negozjati rigward id-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE.

8. APPOĠĠ TAL-INTEGRAZZJONI GĦAL SOĊJETAJIET AKTAR INKLUŻIVI

Parti minn sistema b'saħħitha u ġusta ta' ġestjoni tal-migrazzjoni hija li jiġi żgurat li kull min huwa legalment fl-UE jkun jista' jipparteċipa u jikkontribwixxi għall-benesseri, il-prosperità u l-koeżjoni tas-soċjetajiet Ewropej. Fl-2019, kważi 21 miljun ċittadin mhux tal-

[66] Id-Direttiva 2003/109/KE.
[67] Id-Direttiva 2011/98/UE.
[68] Ara l-ħidma li wettqet l-OECD: Building an EU Talent Pool - A New Approach to Migration Management for Europe, 2019.

UE kienu legalment residenti fl-UE[69]. Meta l-integrazzjoni tirnexxi jibbenefikaw minnha kemm l-individwi kkonċernati, kif ukoll il-komunitajiet lokali li jintegraw ruħhom fihom. Dan irawwem il-koeżjoni soċjali u d-dinamiżmu ekonomiku. Jistabbilixxi eżempji pożittivi dwar kif l-Ewropa tista' tiġġestixxi l-impatti tal-migrazzjoni u d-diversità billi tibni soċjetajiet miftuħa u reżiljenti. Madankollu, minkejja għadd kbir ta' stejjer ta' suċċess, wisq migranti u familji bi sfond ta' migrazzjoni għadhom qed jiffaċċjaw sfidi f'termini ta' qgħad, nuqqas ta' opportunitajiet edukattivi jew ta' taħriġ u interazzjoni soċjali limitata. Pereżempju, fl-2019, kien għad hemm nuqqas sinifikanti fil-prospetti tal-impjieg ta' ċittadini mhux tal-UE – madwar 60 % għal dawk bejn l-20 u l-64 sena, meta mqabbla ma' madwar 74 % għaċ-ċittadini tal-pajjiż ospitanti. Dan joħloq tħassib fost iċ-ċittadini dwar il-pass u l-profondità tal-integrazzjoni – u raġuni leġittima ta' politika pubblika biex dan iseħħ.

L-integrazzjoni tal-migranti u l-familji tagħhom tifforma għalhekk parti ewlenija mill-aġenda usa' tal-UE għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali. Filwaqt li l-politika ta' integrazzjoni hija qabel kollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, mill-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2016 'l hawn, l-UE intensifikat l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra[70]. In-Network Ewropew għall-Integrazzjoni jaħdem biex jagħti spinta lill-kooperazzjoni u t-tagħlim reċiproku bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-integrazzjoni. L-UE saħħet ukoll il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u mas-soċjetà ċivili u ħolqot sħubijiet ġodda ma' mal-impjegaturi u mas-sħab soċjali u ekonomiċi[71]. Il-Kummissjoni dan l-aħħar ġeddet is-Sħubija Ewropea għall-Integrazzjoni mas-sħab soċjali u ekonomiċi biex toffri opportunitajiet lir-refuġjati ħalli jintegraw fis-suq tax-xogħol Ewropew[72]. Dan suppost li jwassal għal aktar djalogu u kooperazzjoni futura biex jiġu attirati l-ħiliet li l-ekonomija tagħna teħtieġ.

Din il-ħidma issa teħtieġ li tiġi approfondita, biex jiġi żgurat li jingħataw opportunitajiet sinifikanti biex kulħadd ikun jista' jipparteċipa fl-ekonomija u fis-soċjetà tagħna. Bħala parti mill-prijorità dwar il-promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna, il-Kummissjoni se tadotta **Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni għall-2021–2024.** L-integrazzjoni tal-migranti u l-familji tagħhom se tkun aspett ewlieni ta' dan. Din il-ħidma se tipprovdi gwida strateġika u tistabbilixxi azzjonijiet konkreti biex jitrawwmu l-inklużjoni tal-migranti u koeżjoni soċjali usa', billi jinġiebu flimkien il-partijiet ikkonċernati rilevanti u jiġi rikonoxxut li l-atturi reġjonali u lokali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu. Se tibbaża fuq il-politiki u l-għodod rilevanti kollha f'oqsma ewlenin bħall-inklużjoni soċjali, l-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-ugwaljanza, il-kultura u l-isport, filwaqt li tistabbilixxi kif l-integrazzjoni tal-migranti jenħtieġ li tkun parti mill-isforzi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE dwar kull wieħed minnhom. Objettiv ewlieni se jkun li jiġi żgurat li l-migranti jibbenefikaw mija fil-mija mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Hija se tirrikonoxxi li persuni bi sfond ta' migrazzjoni (pereżempju l-migranti mwielda barra mill-pajjiż jew tat-tieni ġenerazzjoni) spiss jiffaċċjaw sfidi ta' integrazzjoni simili għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-azzjonijiet se jinkludu appoġġ dirett lil dawk li huma attivi "fil-post" u se jkopru l-firxa sħiħa ta' miżuri meħtieġa biex jakkumpanjaw lill-migranti u lill-familji tagħhom fil-perkors lejn integrazzjoni u inklużjoni soċjali b'suċċess. Il-Kummissjoni issa qed tikkonsulta biex tfittex il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, taċ-ċittadini u tal-migranti dwar azzjonijiet possibbli għall-promozzjoni tal-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali tal-migranti u taċ-ċittadini tal-UE bi sfond ta' migrazzjoni.

---

[69] Sors tal-istatistika f'dan il-paragrafu: il-Eurostat. Iċ-ċifri tar-Renju Unit mhumiex inklużi.

[70] COM(2016) 377 final tas-7 ta' Ġunju 2016.

[71] L-inizjattivi Is-Sħubija Ewropea għall-Integrazzjoni u L-impjegaturi flimkien għall-integrazzjoni; appoġġ għall-inizjattiva tal-Kumitat tar-Reġjuni Bliet u Reġjuni għall-integrazzjoni.

[72] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_1561

Sabiex jiġi żgurat li l-migranti jkunu involuti b'mod attiv fl-iżvilupp tal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni, il-Kummissjoni qed toħloq grupp informali ta' esperti dwar il-fehmiet tal-migranti. Wieħed mill-ewwel kompiti tiegħu se jkun li jipprovdi kontribut għat-tħejjija tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni, iżda se jkun jista' jipprovdi wkoll pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi f'kull qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Azzjonijiet ewlenin

Il-Kummissjoni:

- Tadotta Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni għall-2021-2024; kif ukoll
- Timplimenta, flimkien mas-sħab soċjali u ekonomiċi, is-Sħubija Ewropea għall-Integrazzjoni li ġiet imġedda u tesplora l-possibbiltà li l-kooperazzjoni futura titwessa' għall-qasam tal-migrazzjoni tal-ħaddiema.

9. IL-PASSI LI JMISS

Dan il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jistabbilixxi l-approċċ minn tarf sa tarf meħtieġ biex il-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Ewropa tkun ġusta, effiċjenti u sostenibbli. L-UE issa se jkollha turi r-rieda li l-Patt il-Ġdid tagħmlu realtà. Dan huwa l-uniku mod biex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti bħal dawk li dehru f'Moria dan ix-xahar: billi tiġi stabbilita sistema li tlaħħaq mal-iskala tal-isfida. Qafas Ewropew komuni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni huwa l-uniku mod kif jista' jkun hemm l-impatt meħtieġ. Huwa essenzjali li l-politiki jinġiebu flimkien b'dan il-mod biex jipprovdu ċ-ċarezza u r-riżultati meħtieġa sabiex iċ-ċittadini jkunu konvinti li l-UE se tagħti riżultati li huma kemm robusti kif ukoll umani.

Tali sistema tista' tiffunzjona biss jekk ikollha l-għodod meħtieġa biex tagħti r-riżultati. Dan ifisser qafas legali b'saħħtu li kapaċi jagħti ċ-ċarezza u l-attenzjoni meħtieġa għall-fiduċja reċiproka, b'regoli robusti u ġusti għal dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li ma għandhomx id-dritt ta' permanenza. Hija tirrikjedi li l-migrazzjoni tkun ċentrali għal sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi biex il-ġestjoni tal-migrazzjoni titjieb b'mod effikaċi. Is-sistema tirrikjedi approċċ intelliġenti għall-migrazzjoni legali biex tappoġġa l-ħtieġa ekonomika għat-talent u l-ħtieġa soċjali għall-integrazzjoni. Teħtieġ ukoll baġit suffiċjenti biex jirrifletti r-responsabbiltajiet komuni u l-benefiċċji komuni tal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha.

Fl-aħħar nett, teħtieġ l-involviment u l-impenn ta' kulħadd. Huwa għalhekk li l-Patt il-Ġdid inbena fuq konsultazzjonijiet bir-reqqa: mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, mal-Istati Membri, u mal-partijiet ikkonċernati. Huwa msejjes fuq il-valuri tagħna iżda se jipprovdi wkoll ir-riżultati meħtieġa. Il-Kummissjoni tqis li r-riżultat huwa bilanċ ta' interessi u ħtiġijiet li jistħoqqlu l-appoġġ ta' kulħadd. Il-Kummissjoni issa tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jagħtu impetu ġdid. Jenħtieġ li l-ewwel pass ikun li jintlaħaq fehim komuni dwar il-mekkaniżmu l-ġdid dwar is-solidarjetà kif ukoll dwar l-elementi ta' responsabbiltà fil-forma ta' proċedura ġdida ta' skrinjar u fil-fruntiera, segwita rapidament mill-adozzjoni tal-pakkett sħiħ meħtieġ ta' leġiżlazzjoni. Huwa billi naħdmu flimkien li l-UE tista' u hija obbligata tiggarantixxi li politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil verament komuni ssir malajr realtà.